**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Seduta tad-29 ta` Mejju, 2019**

**Att ta` l-Akkuza Nru. 8/2012**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Ronnie (Ronald) Azzopardi**

**Il-Qorti :**

**1**. Rat l-Att tal-Akkuza imressqa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali kontra l-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi [detentur tal-karta tal-identita' numru 82072 (M)] li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta:

**Fl-Ewwel Kap** illi l-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi jigi hu l-mejjet Jason Azzopardi (maghruf bhala s-Sufu) li fis-sena elfejn u wiehed (2001) inqatel f`Bormla. Sfortunatament, wara l-mewt ta` Jason Azzopardi, inqalghu diversi problemi bejn l-akkuzat u certu Mary Rose Cassar rigward kwistjonijiet ta` wirt. L-akkuzat qatt m`accetta l-fatt li fil-wirt huh Jason Azzopardi ma kien hallielu xejn, izda kien halla kollox lil Mary Rose Cassar u lit-tfal taghha. Ghalhekk l-akkuzat dahhalha f`rasu li Mary Rose Cassar kellha tpattiha qares billi joqtolha jew li jqiegħed il-hajja taghha f'periklu ċar. L-akkużat beda jsegwi l-movimenti ta' Mary Rose Cassar u haseb minn qabel li jakkwista bomba. L-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi iddecieda li dan il- pjan viljakk u tal-biza` jigi fis-sehh nhar is-Sibt 18 ta` Gunju 2005 meta kien jaf perfettament li bhal kull nhar ta` Sibt, Mary Rose Cassar is-soltu tmur id-dar t`ommha li tinsab iz-Zejtun.

Fil-fatt fit-18 ta` Gunju 2005 l-akkuzat mar iz-Zejtun ghal habta ta` xi l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10.30am) b`vettura tat-tip Seat Toledo bl-ghan li joqtol lil Mary Rose Cassar. Sabiex iwettaq dan il-pjan mahsub minn qabel, Ronnie (Ronald) Azzopardi saq u wasal fi Triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, nizel mill-vettura tat-tip Seat Toledo u pogga basket tal-plastik hdejn vettura tat-tip Peugoet 106 ta` kulur abjad liema vettura kienet ipparkjata f`din it-triq u li hi ta` Mary Rose Cassar. F`dan il-basket tal-plastik kien hemm bomba. Ronnie (Ronald) Azzopardi pogga din l-bomba hdejn il- karozza ta` Mary Rose Cassar bl-intenzjoni specifika li din il-bomba tiehu, tigi ikkagunata spluzjoni u b`hekk joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal li kienu maghha.

Dak il-hin, certu Joseph Grima u Therese Grima kienu qeghdin fuq il-bejt tad-dar taghhom jippreparaw u jarmaw ghax dakinhar stess kienet il-festa taz-Zejtun. Minn fuq il-bejt taghhom il-koppja Grima setghet tara dak kollu li kien qieghed jigri fit-Triq il-Madonna tal-Hniena. Fil-fatt raw karozza tieqaf, raw lill-akkuzat johrog minn din il- vettura u jpoggi dak li hasbu li kien basket taz-zibel f`din it-triq u rawh ukoll jitlaq. Peress illi dakinhar kienet propju l-gurnata tal-festa, l-konjugi Grima ma hadux gost li persuna tigi u tarmi basket li huma hasbu li kien taz-zibel propju fit-triq vicin fejn joqghodu huma. Ghal-habta tan-nofs siegha ta` wara nofsinhar (12.30pm) ta` dik l-istess gurnata u cioe` t-18 ta` Gunju 2005, Therese Grima ddecidiet li tmur u tressaq dan il-basket u tqieghdu ma genb il- fond fejn kien qed jibni

t-tifel taghha Antoine (Anthony) Grima f`dik l-istess Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. X`hin kienet barra Therese Grima iltaqghat ma` certa Angela Bondin u bdew jitkellmu propju vicin dan il-basket tal-plastik li huma hasbu li kien taz-zibel izda li fil-verita` kien hemm il-bomba li pogga l-akkuzat.

Illi kien f`dan il-mument li l-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi, dolozament, bil- hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, sploda din il-bomba. Minhabba l-qawwa u d-devastazzjoni ta` din l-ispluzjoni ikkawzata mill-bomba li pogga l-akkuzat, kemm Angela Bondin u Therese Grima sofrew griehi ta` natura gravi u cioe` hruq estensiv f`diversi partijiet ta` gisimhom. Minhabba l-griehi li garbet, Angela Bondin, mietet fit-8 ta` Lulju 2005. Wara li sehh dan id-delitt fahxi l-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li waslitha tiddentifika lill-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi bhala l-persuna li wettqet dan l-omicidju volontarju.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta` Angela Bondin.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli nhar is-Sibt, 18 ta` Gunju 2005 fiz-Zejtun, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta` Angela Bondin.

Talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ronnie (Ronald) Azzopardi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Fit-Tieni Kap** illi l-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi jigi hu l-mejjet Jason Azzopardi (maghruf bhala s-Sufu) li fis-sena elfejn u wiehed (2001) inqatel f`Bormla. Sfortunatament, wara l-mewt ta` Jason Azzopardi, inqalghu diversi problemi bejn l-akkuzat u certu Mary Rose Cassar rigward kwistjonijiet ta` wirt. L-akkuzat qatt m` accetta l-fatt li fil- wirt huh Jason Azzopardi ma kien hallielu xejn izda kien halla kollox lil Mary Rose Cassar u lit-tfal taghha. Ghalhekk l-akkuzat dahhalha f`rasu li Mary Rose Cassar kellha tpattiha qares billi joqtolha jew li jqiegħed il-hajja taghha f'periklu ċar. L-akkużat beda

jsegwi l-movimenti ta’ Mary Rose Cassar u haseb minn qabel li jakkwista bomba. L-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi iddecieda li dan il- pjan viljakk u tal-biza` jigi fis-sehh nhar is-Sibt 18 ta` Gunju 2005 meta kien jaf perfettament li bhal kull nhar ta` Sibt, Mary Rose Cassar is-soltu tmur id-dar t`ommha li tinsab iz-Zejtun. Fil- fatt fit-18 ta` Gunju 2005 l-akkuzat mar iz-Zejtun ghal habta ta` xi l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10.30am) b`vettura tat-tip Seat Toledo bl-ghan li joqtol lil Mary Rose Cassar. Sabiex iwettaq dan il- pjan mahsub minn qabel, Ronnie (Ronald) Azzopardi saq u wasal fi Triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, nizel mill- karozza tat-tip Seat Toledo u pogga basket tal- plastik hdejn vettura tat-tip Peugoet 106 ta` kulur abjad liema karozza kienet ipparkjata f`din it-triq u li hi ta` Mary Rose Cassar. F`dan il-basket tal-plastik kien hemm bomba. Ronnie (Ronald) Azzopardi pogga din l-bomba hdejn il- karozza ta` Mary Rose Cassar bl-intenzjoni specifika li din il- bomba tiehu, tigi ikkagunata spluzjoni u b`hekk joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal taghha.

Dak il-hin, certu Joseph Grima u Therese Grima kienu qeghdin barra fuq il- bejt tad-dar taghhom jippreparaw u jarmaw ghax dakinhar stess kienet il-festa taz-Zejtun. Minn fuq il- bejt taghhom il-koppja Grima setghet tara dak kollu li kien qieghed jigri fit-Triq il-Madonna tal-Hniena. Fil-fatt raw karozza tieqaf, raw lill-akkuzat johrog minn din il- vettura u jpoggi dak li hasbu li kien basket taz-zibel f`din it-triq u rawh ukoll jitlaq. Peress illi dakinhar kienet propju l-gurnata tal-festa, l-konjugi Grima ma hadux gost li persuna tigi u tarmi basket li huma hasbu li kien taz-zibel propju fit-triq fejn joqghodu huma. Ghal-habta tan-nofs siegha ta` wara nofsinhar (12.30pm) ta` dik l-istess gurnata u cioe` it-18 ta` Gunju 2005, Therese Grima iddecidiet li tmur u tressaq dan il-basket u tqieghdu ma genb il-fond fejn kien qed jibni it-tifel taghha Antoine (Anthony) Grima f`dik l-istess Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. X`hin kienet barra Therese Grima iltaqghat ma` certa Angela Bondin u bdew jitkellmu propju vicin dan il-basket tal-plastik li huma hasbu li kien taz-zibel izda li fil-verita` kien hemm il-bomba li pogga l-akkuzat. Din il-bomba kienet tikkonsisti fost affarijiet ohra f`materjal esplosiv li generalment jintuza fil-loghob tan-nar u fil-barrieri.

Illi kien f`dan il-mument li Ronnie (Ronald) Azzopardi, dolozament, sploda din il-bomba u minhabba l-qawwa u d-devastazzjoni ta` din l-isplużjoni, l-akkuzat qieghed f`periklu l- hajja kemm ta` Angela Bondin u kif ukoll ta` Therese Grima tant li dawn iz-zewg persuni garbu griehi ta` natura gravi u cioe` hruq estensiv f`diversi partijiet ta` gisimhom. Minhabba l-griehi li garbet, Angela Bondin, tilfet hajjitha fit-8 ta` Lulju 2005.

Wara li sehh dan id-delitt fahxi l-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li waslitha tiddentifika lill-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi bhala l-persuna li wettqet dan ir-reat.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi sar ħati talli dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li persuna (Angela Bondin) tilfet hajjitha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi, ħati talli, dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li persuna (Angela Bondin) tilfet hajjitha, u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ronnie (Ronald) Azzopardi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 311, 312(1), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Fit-Tielet Kap** illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija precedentement f`dan l-att t` akkuża u cioe` fit-18 ta` Gunju 2005 l-akkuzat mar iz-Zejtun ghal habta ta` xi l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10.30am) b`vettura tat-tip Seat Toledo bl-ghan li joqtol lil Mary Rose Cassar. Sabiex iwettaq dan il- pjan mahsub minn qabel, Ronnie (Ronald) Azzopardi saq u wasal fi Triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, nizel mill- karozza tat-tip Seat Toledo u pogga basket tal- plastik hdejn vettura tat-tip Peugoet 106 ta` kulur abjad liema karozza kienet ipparkjata f`din it-triq u li hi ta` Mary Rose Cassar. F`dan il- basket tal-plastik kien hemm bomba. Ronnie (Ronald) Azzopardi pogga din l-bomba hdejn il- karozza ta` Mary Rose Cassar bl-intenzjoni specifika li din il- bomba tiehu, tigi ikkagunata spluzjoni u b`hekk joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal li kienu maghha. Dak il-hin, certu Joseph Grima u Therese Grima kienu qeghdin barra fuq il- bejt tad-dar taghhom jippreparaw u jarmaw ghax dakinhar stess kienet il-festa taz-Zejtun.

Minn fuq il- bejt taghhom il-koppja Grima setghet tara dak kollu li kien qieghed jigri fit-Triq il-Madonna tal-Hniena. Filfatt raw karozza tieqaf, raw lill-akkuzat johrog minn din il-vettura u jpoggi dak li hasbu li kien basket taz-zibel f`din it-triq u rawh ukoll jitlaq. Peress illi dakinhar kienet propju il-gurnata tal-festa, l-konjugi Grima ma hadux gost li persuna tigi u tarmi basket li huma hasbu li kien taz-zibel propju fit-triq fejn joqghodu huma. Ghal-habta tan-nofs siegha ta` wara nofsinhar (12.30pm) ta` dik l-istess gurnata u cioe` it-18 ta`

Gunju 2005, Therese Grima iddecidiet li tmur u tressaq dan il-basket u tqieghdu magenb il- fond fejn kien qed jibni t-tifel taghha Antoine (Anthony) Grima f`dik l-istess Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. X`hin kienet barra Therese Grima iltaqghat ma` certa Angela Bondin u bdew jitkellmu propju vicin dan il-basket tal-plastik li huma hasbu li kien taz-zibel izda li fil-verita` kien hemm il-bomba li pogga l-akkuzat. Din il-bomba kienet tikkonsisti fost affarijiet ohra f`materjal esplosiv li generalment jintuza fil-loghob tan-nar u fil-barrieri.

Illi kien f`dan il-mument li Ronnie (Ronald) Azzopardi, dolozament, sploda din il-bomba u minhabba l-qawwa u d-devastazzjoni ta` din l-isplużjoni, l-akkuzat qieghed f`periklu l- hajja kemm ta` Angela Bondin u ta` Therese Grima. Fil–fatt konsegwenza ta` din l-isplużjoni, Angela Bondin tilfet hajjitha u Therese Grima garbet offiza ta` natura gravi fuq il- persuna taghha u cioe` hruq estensiv u gravi f`diversi partijiet ta` gisimha. Minhabba dan il-hruq li garbet, Therese Grima baqghet tbati minn debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew minn difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u partikolarment fl-uzu tal-minkeb tal-lemin. Wara li sehh dan id-delitt fahxi l-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li wasslitha tiddentifika lill-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi bhala l-persuna li wettqet dan ir-reat.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi sar ħati talli dolozament b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li persuna (Therese Grima) garbet offiza gravi fuq il-persuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi, ħati talli, dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li persuna (Therese Grima) garbet offiza gravi fuq il-persuna, u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ronnie (Ronald) Azzopardi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal zmien minn erba snin sa ghoxrin sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 311, 312(2), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Fir-Raba` Kap** illi l-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi jigi hu l-mejjet Jason Azzopardi (maghruf bhala s-Sufu) li fis-sena elfejn u wiehed (2001) inqatel f`Bormla. Sfortunatament, wara l-mewt ta` Jason Azzopardi, inqalghu diversi problemi bejn l-akkuzat u certu Mary Rose Cassar rigward kwistjonijiet ta` wirt. L-akkuzat qatt m`

accetta l-fatt li fil- wirt huh Jason Azzopardi ma kien hallielu xejn izda kien halla kollox lil Mary Rose Cassar u lit-tfal taghha. Ghalhekk l-akkuzat dahhalha f`rasu li Mary Rose Cassar kellha tpattiha qares billi joqtol lil Mary Rose Cassar jew li jqiegħed il-hajja taghha f'periklu ċar. L-akkużat beda jsegwi l-movimenti ta' Mary Rose Cassar u haseb minn qabel li jakkwista bomba. L-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi iddecieda li dan il- pjan viljakk u tal-biza` jigi fis-sehh nhar is-Sibt 18 ta` Gunju 2005 meta kien jaf perfettament li bhal kull nhar ta` Sibt, Mary Rose Cassar is-soltu tmur id-dar t`ommha li tinsab iz-Zejtun. Dakinhar Mary Rose Cassar kellha maghha tlieta mit-tfal taghha u cioe` lil Jesmar Cassar, Jean Leon Cassar u Kevin junior Aquilina. Fil-fatt fit- 18 ta` Gunju 2005 l-akkuzat mar iz-Zejtun ghal habta ta` xi l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10.30am) b`vettura tat-tip Seat Toledo bl-ghan li joqtol lil Mary Rose Cassar u lit-tfal li kienu maghha. Sabiex iwettaq dan il-pjan mahsub minn qabel, Ronnie (Ronald) Azzopardi saq u wasal fi triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, nizel mill-vettura tat-tip Seat Toledo u pogga basket tal- plastic propju hdejn vettura tat-tip Peugoet 106 ta` kulur abjad liema vettura kienet ipparkjata f`din it-triq u li hi ta` Mary Rose Cassar. F`dan il-basket tal-plastik kien hemm bomba. Ronnie (Ronald) Azzopardi pogga din l-bomba hdejn il- karozza ta` Mary Rose Cassar bl-intenzjoni specifika li din il-bomba tiehu, tigi ikkagunata spluzjoni u b`hekk joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal li inzertaw kienu maghha.

Dak il-hin, certu Joseph Grima u Therese Grima kienu qeghdin barra fuq il- bejt tad-dar taghhom jippreparaw u jarmaw ghax dakinhar stess kienet il-festa taz-Zejtun. Minn fuq il- bejt taghhom il-koppja Grima setghet tara dak kollu li kien qieghed jigri fit-triq il-Madonna tal-Hniena. Filfatt raw karozza tieqaf, raw lill-akkuzat johrog minn din il-vettura u jpoggi dak li hasbu li kien basket taz-zibel f`din it-triq u rawh ukoll jitlaq. Peress illi dakinhar kienet propju il-gurnata tal-festa, l-konjugi Grima ma hadux gost li persuna tigi u tarmi basket li huma hasbu li kien taz-zibel propju fit-triq fejn joqghodu huma. Ghall-habta tan-nofs siegha ta` wara nofsinhar(12.30pm) ta` dik l-istess gurnata u cioe` t-18 ta` Gunju 2005, Therese Grima iddecidiet li tmur u tressaq dan il-basket u tqieghdu gol-fond fejn kien qed jibni it-tifel taghha Antoine (Anthony) Grima f`dik l-istess Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. Dan l-agir ta` Therese Grima li tressaq dan il-basket bil-bomba u tqieghdu ma genb il- fond tat-tifel taghha, kien wiehed accidentali u indipendenti mill-volonta` ta` Ronnie (Ronald) Azzopardi. Fil-fatt il-pjan li kellu l-akkuzat tharbat kompletament ghaliex b`dik il-bomba l-akkuzat rid joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal taghha tant li l-bomba poggiha f`pozizzjoni strategika ma genb propju il-vettura` ta` Mary Rose Cassar sabiex bl-ispluzjoni joqtol lil Mary Rose Cassar u lit-tfal. Minkejja dan l-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi, dolozament, bil- hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, xorta wahda sploda din il-bomba u kif deskritt aktar il-fuq f`dan l-att t`akkuza hu fil-fatt qatel lil Angela

Bondin u weggha serjament lil Therese Grima, zewg persuni innocenti u li ma` kellhom x`jaqsmu xejn mal-pjan mill-aktar brutali tal-akkuzat. Ghalhekk dan il- pjan tal-biza` tal-akkuzat li joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal li inzertaw kienu maghha sfratta u ma rnexxiex ghal ragunijiet accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu. Wara li sehh dan id-delitt fahxi l-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li waslitha tiddentifika lill-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi bhala l-persuna li wettqet dan it-tentattiv t`omicidju.

Illi b`ghemilu l-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi sar hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuni (Mary Rose Cassar, Jesmar Cassar, Jean Leon Cassar u Kevin Junior Aquilina) jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi hati ta` tentattiv ta` omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuni (Mary Rose Cassar, Jesmar Cassar, Jean Leon Cassar u Kevin Junior Aquilina) jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Talab li jinghamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta` prigunerija minn seba` snin sa tletin sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Fil-Hames Kap** illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija precedentement f`dan l-att t` akkuża u cioe` fit-18 ta` Gunju 2005 l-akkuzat mar iz-Zejtun ghal habta ta` xi l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10.30am) b`vettura tat-tip Seat Toledo bl-ghan li joqtol lil Mary Rose Cassar. Sabiex iwettaq dan il- pjan mahsub minn qabel, Ronnie (Ronald) Azzopardi saq u wasal fi Triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, nizel mill- karozza tat-tip Seat Toledo u pogga basket tal- plastik ma genb vettura tat-tip Peugoet 106 ta` kulur abjad liema karozza kienet ipparkjata f`din it-triq u li hi ta` Mary Rose Cassar. F`dan il-basket tal-plastik kien hemm bomba. Ronnie (Ronald) Azzopardi pogga din l-bomba hdejn il- karozza ta` Mary Rose Cassar bl-intenzjoni specifika li din il- bomba tiehu, tigi ikkagunata spluzjoni u b`hekk joqtol lil Mary Rose Cassar u lit-tfal li kienu maghha.

Dak il-hin, certu Joseph Grima u Therese Grima kienu qeghdin barra fuq il- bejt tad-dar taghhom jippreparaw u jarmaw ghax dakinhar stess kienet il-festa taz-Zejtun. Minn fuq il- bejt taghhom il-koppja Grima setghet tara dak kollu li kien qieghed jigri fit-Triq il-Madonna tal-Hniena. Fil-fatt raw karozza tieqaf, raw lill-akkuzat johrog minn din il- vettura u jpoggi dak li hasbu li kien basket taz-zibel f`din it-triq u rawh ukoll jitlaq. Peress illi dakinhar kienet propju il-gurnata tal-festa, l-konjugi Grima ma hadux gost li persuna tigi u tarmi basket li huma hasbu li kien taz-zibel propju fit-triq fejn joqghodu huma. Ghal-habta tan-nofs siegha (12.30pm) ta` dik l-istess gurnata u cioe` it-18 ta` Gunju 2005, Therese Grima iddecidiet li tmur u tressaq dan il-basket u tqieghdu ma genb il- fond fejn kien qed jibni it-tifel taghha Antoine (Anthony) Grima f`dik l-istess triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. X`hin kienet barra Therese Grima iltaqghat ma` certa Angela Bondin u bdew jitkellmu propju vicin dan il- basket tal-plastik li huma hasbu li kien taz-zibel izda li fil- verita` kien hemm il-bomba li pogga l-akkuzat. Din il- bomba kienet tikkonsisti fost affarijiet ohra f`materjal esplosiv li generalment jintuza fil-loghob tan-nar u fil- barrieri.

Illi kien f`dak il-mument li Ronnie (Ronald) Azzopardi, dolozament, ghamel esplozjoni li qieghdet il-hajja ta` persuni f`periklu u li setghet ghamlet hsara gravi lil hwejjeg haddiehor u cioe ` il–fond propjeta` ta` Antoine (Anthony) Grima. Fil-fatt minhabba din l-ispluzjoni ikkagunata mill-akkuzat, l-fond propjeta` ta` Antoine (Anthony) Grima garrab xi hsarat. Wara li sehh dan id-delitt fahxi l-Pulizija ghamlet investigazzjoni intensiva li wasslitha tiddentifika lill-akkuzat Ronnie (Ronald) Azzopardi bhala l-persuna li wettqet dan ir-reat.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi sar ħati talli dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan ghad-detriment ta` Antoine (Anthony) Grima.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi ħati talli dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan ghad-detriment ta` Antoine (Anthony) Grima, u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ronnie (Ronald) Azzopardi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal zmien minn tliet snin sa erbatax-il sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 311, 312(3), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Fis-Sitt Kap** illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u cioe` fit-18 ta` Gunju 2005 l-akkuzat mar iz-Zejtun ghal habta ta` xi l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10.30am) b`vettura tat-tip Seat Toledo bl-ghan li joqtol lil Mary Rose Cassar. Sabiex iwettaq dan il- pjan mahsub minn qabel, Ronnie (Ronald) Azzopardi saq u wasal fi Triq il-Madonna tal-Hniena, iz-Zejtun, nizel mill- karozza tat-tip Seat Toledo u pogga basket tal-plastik ma genb vettura tat-tip Peugoet 106 ta` kulur abjad liema karozza kienet ipparkjata f`din it-triq u li hi ta` Mary Rose Cassar. F`dan il-basket tal-plastik kien hemm bomba. Ronnie (Ronald) Azzopardi pogga din l-bomba hdejn il- karozza ta` Mary Rose Cassar bl-intenzjoni specifika li din il- bomba tiehu, tigi ikkagunata spluzjoni u b`hekk joqtol lil Mary Rose Cassar u t-tfal taghha. F`din it-triq kien hemm xi vetturi ipparkjati fosthom vann Mitsubishi numru ta` registrazzjoni JAF-559 propjeta` ta` Alexander Grech.

Illi kif deskritt qabel f`dan l-att t`akkuza, ghal-habta tan-nofs siegha (12.30pm) ta` dik l-istess gurnata u cioe` it-18 ta` Gunju 2005 Ronnie (Ronald) Azzopardi, sploda din il-bomba u minhabba l-qawwa tal-ispluzjoni l-vettura JAF-559 propjeta` ta` Alexander Grech soffriet xi hsarat.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi sar ħati ta` hsara volontarja fuq vettura bin-numru ta`registrazzjoni JAF-559 u cioe` talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b`dan li l-ammont tal-hsara l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imam huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) liema hsara saret ghad- detriment ta` Alexander Grech.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Ronnie (Ronald) Azzopardi, ħati ta` hsara volontarja fuq vettura bin-numru ta`registrazzjoni JAF-559 u cioe` talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b`dan li l-ammont tal-hsara l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) liema hsara saret ghad- detriment ta` Alexander Grech.

U talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ronnie (Ronald) Azzopardi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal zmien minn hames xhur sa sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325 (1)(b), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**2**. Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Marzu 2018 fejn wara li rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih:

**B' 7 voti favur, u 2 kontra sabu lil akkuzat Ronnie sive Ronald Azzopardi mhux hati tal-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza izda hati ta' offiża gravi fuq il-persuna li biha tiġri l-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara.**

**B' 7 voti favur, u 2 kontra sabu lil akkuzat Ronnie sive Ronald Azzopardi hati tat-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza.**

**B' 7 voti favur, u 2 kontra sabu lil akkuzat Ronnie sive Ronald Azzopardi hati tat-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuza.**

**B' 7 voti favur, u 2 kontra sabu lil akkuzat Ronnie sive Ronald Azzopardi hati tar-Raba` Kap ta' l-Att tal-Akkuza.**

**B' 6 voti favur, u 3 kontra sabu lil akkuzat Ronnie sive Ronald Azzopardi hati tal-Hames Kap ta' l-Att tal-Akkuza.**

**b' 7 voti favur, u 2 kontra sabu lil akkuzat Ronnie sive Ronald Azzopardi mhux hati tas-Sitt Kap ta' l-Att tal-Akkuza.**

Iddikjarat lil Ronnie (Ronald) Azzopardi:

**1. Mhux hati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta` Angela Bondin. izda hati ta' offiża gravi fuq il-persuna ta` Angela Bondin li biha tiġri l-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li tinqala' wara.**

**2. Hati talli nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista` tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li persuna (Angela Bondin) tilfet hajjitha.**

**3. Hati talli fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun, dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta`**

**haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan li persuna (Therese Grima) garbet offiza gravi fuq il-persuna.**

**4. Hati talli fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuni (Mary Rose Cassar, Jesmar Cassar, Jean Leon Cassar u Kevin Junior Aquilina) jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u dana skont ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**5. Hati talli fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun, dolozament, b`sustanza esplosiva, ghamel esplozjoni li tista tqieghed f`periklu l-hajja ta` haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b`dan ghad-detriment ta` Antoine (Anthony) Grima, u dana skont il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**6. Mhux hati talli it fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), fiz-Zejtun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b`dan li l-ammont tal-hsara l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) liema hsara saret ghad- detriment ta` Alexander Grech, u dana skont is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**3.** Rat illi l-Qorti Kriminali wara li rat l-artikoli 17(a), 23, 31, 432(2) 41(1)(a), 211(1)(2), 220(a), 311, 312(1)(3), 325(1)(b), u 533 tal-Kodici Kriminali, u wara li qieset illi l-akkuzat gie misjub hati ta' hames dellitti illi jaqghu taht pieni li jnaqqsu l-liberta` personali, li wahda minnhom hija ghal-ghomor ikkundannat lill-hati Ronnie (Ronald) Azzopardi ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru bir-rekluzjoni ghal tlitt perijodi kif ukoll li jhallas is-somma ta' erbat elef, seba` mija w tmienja w tletin Euro u erbghin Euro centezmi (€4738.40), import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process. Ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skont il-ligi. Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

**4**. Rat r-rikors tal-appell ipprezentat minn Ronnie (Ronald) Azzopardi fit-18 ta' April 2013 fejn talab lill-Qorti tirriforma l-verdett tal-ġurati u s-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan billi tikkonfermahom in kwantu ma kienx misjub ħati ta' omiċidju volontarju taħt l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u ma ġiex misjub ħati taħt is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża u li minnhom ġie liberat u tħassarhom fil-kumplament u dan billi tħassar id-dikjarazzjoni ta' ħtija taħt kull wieħed mill-Ewwel sal-Ħames Kap tal-Att tal-Akkuża u konsegwentement tordna minflok li fil-każ ta' kull wieħed minn dawn il-Kapi jiġu reġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni u konsegwentment teħles lill-esponent minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas, li tagħti sentenza li tkun tagħmel aktar għaċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ.

**5**. Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fid-19 ta' Gunju 2019.

**6**. Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

**7**. Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi l-appellant iqanqal numru gmielu ta' lanjanzi diretti kemm lejn il-verdett tal-gurija u s-sentenza appellata, kif ukoll iqajjem kritika lejn xi brani ta' l-indirizz ta' l-Imhallef fis-*summing up.* Jishaq illi mhux biss kien hemm irregolarita' matul il-kawża jew l-interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, izda wkoll li hu gie

misjub ħati ħazin fuq il-fatti tal-kawża. Jilmenta finalment illi l-piena inflitta kienet wahda eccessiva u ghaldaqstant fin-nuqqas illi l-verdett jigi varjat, huwa jishaq illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena inflitta.

**9**. Jikkritika issa fi stadju ta' revizjoni il-mod kif kien abbozzat l-Att ta' l-Akkuza fejn jinsisti illi l-ewwel u t-tieni kapi ma setghux jissussistu flimkien billi fil-fehma tieghu wiehed huwa alternattiv ghall-iehor. Kif lanqas fil-fehma tieghu ma seta' jirrizulta it-tentattiv tar-reat ta' l-omicidju kif imfassal fir-raba` kap meta l-allegati vittmi qatt ma kienu vicin il-post fejn sehh l-akkadut. Ighid ukoll illi fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza d-data meta sehhet il-mewt ta' Angela Bondin hija indikata erronjament bhala l-istess data meta sehhet l-ispluzjoni, meta huwa ippruvat li din mietet xi gimghat wara gewwa l-isptar konsegwenza tal-griehi gravi li sofriet. Jinsisti illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma spjegax sewwa lill-gurati r-regola dwar ix-xiehda fuq kliem haddiehor jew l-hekk maghruf *hearsay evidence* biex b'hekk inghata piz mhux xieraq lix-xiehda ta' certu Malcolm Micallef li xehed biss fuq kliem haddiehor u mhux fuq fatti maghrufa minn personalment.

**10**. Iqajjem diversi ilmenti ohra diretti lejn il-provi migbura fosthom illi l-identifikazzjoni li ghamlu Joseph u Therese Grima tal-persuna u tal-vettura dak in-nhar li sehh is-sinistru ma kenitx wahda affidabbli u allura l-gurati ma setghux joholqu ness mieghu iktar u iktar meta l-appellant ressaq provi permezz ta' *alibi* li xehdu li fil-hin tal-incident hu ma kienx fuq il-post, u ukoll provi li ndikaw li l-vettura tieghu kienet ghat-tiswija f'dik il-gurnata u ghalhekk ma setghetx tintuza ghall-kummissjoni tar-reat. Lanqas fil-fehma tieghu allura ma hemm prova li kien hu l-persuna li pogga l-baskett kontenenti l-ordinju bl-isplussiv mal-vettura ta' Mary Rose Cassar jew inkella li kien hu li ghafas it-*trigger* tar-*remote control* biex il-bomba giet attivata. Il-hwejjeg indikati minn Grima bhala dawk li kien liebes il-malvivent ma nstabux fil-pussess tal-appellant u lanqas tracci ma nstabu

fil-vettura tieghu sabiex seta' jinholoq ness bejnu u bejn dan l-event kriminuz.

**11**. L-Avukat Generali min-naha tieghu jilqa' ghall-appell u l-aggravji hemmhekk infraskritti billi fl-ewwel lok jishaq illi l-ilmenti imqanqla mill-appellant diretti lejn l-Att tal-Akkuza qatt ma gew indirizzati mill-appellant fiz-zmien moghti mil-ligi u cioe' fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari. Jikkontendi illi huwa fid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jiddeciedi b'liema reati jixli lill-akkuzat u wkoll illi l-istess fatti jistghu jaghtu lok ghal aktar minn reat wiehed kif fil-fatt gara f'dan il-kaz. Mhux biss izda mhuwiex minnu illi d-data tal-mewt ta' Angela Bondin giet indikata erronjament, billi fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza hemm indikat car u tond illi d-data tat-18 ta' Gunju 2005 tirreferi ghad-data ta' l-ispluzjoni bil-mewt ta' Bondin issehh wara. Tant hu hekk li abbazi ta' dawn il-fatti l-appellant sejjes id-difiza tieghu tal-offiza tal-ferita gravi segwita bil-mewt bhala reat inqas gravi minn dak tal-omicidju, liema difiza giet milqugha mill-gurati. Finalment jishaq illi ma kien hemm xejn x'jigi ikkritikat fil-mod kif l-Imhallef indirizza l-gurati b'mod specjali meta spjega lilhom sewwa r-regola dwar il-*hearsay evidence* u ukoll meta gew spjegati r-regoli dwar it-tentattiv tar-reat ta' l-omicidju ta' Mary Rose Cassar u dan meta il-baskett bl-isplussiv tpogga ezattament mal-vettura taghha bl-intenzjoni li ssirilha il-hsara. Kif lanqas hemm xi nuqqas fl-apprezzament tal-provi maghmul mill-gurija popolari tant illi l-verdett finali huwa wiehed gust u skont il-ligi. Fl-ahharnett il-piena erogata kienet wahda gusta li taqa' fil-parametri tal-ligi u li tirrifleti l-gravita' tar-reati kommessi mill-appellant.

**Ikkunsidrat :**

**12**. Illi qabel ma tinoltra ruhha fl-apprezzament tal-provi u tal-fatti esposti ghall-gudizzju tal-imhallfin tal-fatt waqt ic-celebrazzjoni tal-guri, u ghalhekk qabel ma l-Qorti tittratta l-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi, jidhrilha li qabel xejn ghandhom jigu indirizzati l-ilmenti li jqanqal l-appellant diretti lejn l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri.

**13**. L-appellant jaqsam dan l-aggravju f'erba partijiet ewlenin u cioe` :

i. in-nuqqas fl-indirizz meta ma jigix indikat lill-gurati illi l-ewwel żewġ kapi fl-Att tal-Akkuża kif redatt ma jistgħux jissussistu f'daqqa in vista tal-fatt illi dawn taw lok għall-istess riżultat, u ċioe` l-mewt ta' Angela Bondin.

ii. Il-konfużjoni fid-data tal-mewt tal-vittma Angela Bondin li mietet fit-08 ta' Lulju 2005 u mhux fit-18 ta' Ġunju 2005 kif indikat fl-ewwel kap, konfużjoni li skont l-appellant kellha tiġi ċċarata u ppuntwalizzata mill-Imħallef matul il-ġuri u li naqas milli jagħmel.

iii. Il-kritika diretta lejn dik il-parti ta' l-indirizz li tfiehem lill-gurati r-regola tal-*hearsay evidence*, partikolarment għal dak li jirrigwarda x-xiehda ta' Matthew Pace ; u

iv. L-elementi ta' dritt tat-tentattiv tar-reat li huwa rispekkjat fir-raba Kap tal-Att tal-Akkuża meta l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Imhallef li ippresjeda l-guri naqas milli jispjega l-kunċett legali tal-*impossible attempt*.

**Ikkunsidrat :**

**I. <u>L-aggravju marbut mal-ewwel zewg kapi tal-Att tal-Akkuza</u>**

**14**. Illi fl-ewwel żewġ kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza l-Avukat Generali jipprospetta r-reati ta' l-omiċidju volontarju ta' Angela Bondin għal liema kap, il-ġurati ma sabux ħtija iżda minflok sabu ħtija ghar-reat tal-ferita gravi segwita bil-mewt tal-istess vittma, filwaqt li t-tieni kap jitkellem dwar l-ispluzjoni doluza tal-bomba li minħabba fiha ġiet rekata devastazzjoni u liema spluzjoni wasslet sabiex Angela Bondin tilfet ħajjitha, zewg reati allura kompletament distinti minn xulxin.

**15**. Ighid hekk l-Imhallef fl-indirizz tieghu meta jitkellem fuq dawn iz-zewg reati :

> *"Nghaddu issa ghat-tieni kap, naraw l-akkuza. Fit-tieni kap Ronnie Azzopardi huwa akkuzat talli dolozament b' sustanza esplussiva ghamel esplozjoni li tista' tqieghed fil-perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor b'dan li persuna tilfet hajjitha. Id-differenza bejn l-ewwel u t-tieni kap qeghda fl-intenzjoni. Peress illi fl-ewwel kap ghidna li jrid ikun hemm l-intenzjoni diretta u specifika jew pozittiva u ndiretta li tqieghed il-hajja f'perikolu car, l-intenzjoni hawnhekk hija generika. Dik hi d-differenza, wahda hija specific u din hija generika, vaga. L-intenzjoni biss illi tikkawza hsara hi x'inhi din il-hsara, fuq min hi din il-hsara, zghira kemm hi zghira, kbira kemm hi kbira hija bizzejjed sabiex tissodisfa l-element intenzjonali ta' dan ir-reat. Fil- fatt il-ligi tghidilna dolozament b 'sustanza esplussiva jaghmel esplozjoni li tista', jigifieri may, mhux iggib dawk il-konsegwenzi imma tista' ggib dawk il-konsegwenzi, ara kemm hi vasta din il-ligi hawnhekk, may, li tista' tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor, jew taghmel hsara gravi fil-hwejjeg ta' haddiehor. Jekk il-potenzjal qieghed hemm avolja fil- fatt ma jsirx l-element materjali jkun sodisfatt. Mela ghidna l- element intenzjonali huwa generiku, vag, illi inti jkollok biss il-hsieb li taghmel hsara, hi x'inhi din il-hsara, tigi minn fejn tigi din il-hsara, u taghmel espluzjoni li potenzjalment, li tista' tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara fil-hwejjeg ta' haddiehor, hemmhekk l-element materjali huwa sodisfatt. Ghandna l-aggunta li potenzjalment din il-bomba hadet il-hajja ta' persuna....*
>
> *It-tieni akkuza mela biex tkun sodisfatta minghajr dubju dettat mir-raguni intom tridu taraw li kien hemm l-intenzjoni generika li l-esplozjoni potenzjalment setghet taghmel hsara gravi fil-hajja jew fil-hwejjeg ta' haddiehor, illi din il-esplozjoni kkawzat il-mewt ta' persuna. Li kkawzat il-mewt ta' persuna ma ghandniex ikollna dubju 'il ghaliex ghandna r-relazzjoni ta' l-patologi li Angela Bondin mietet*

*b' kumplikazzjoni li originat minn hruq illi sofriet minhabba esplozjoni. Mela biex ikun sodisfatt dan it-tieni element intom tridu tkunu sodisfatti beyond a reasonable doubt, f'dak il-grad li ghadni kemm spjegajtilkom, illi kien hemm l-intenzjoni generika li jaghmel il-hsara, illi din saret esplozjoni li setghet tqieghed fil-perikolu l-hajja jew il-hwejjeg ta' haddiehor, b'dan illi kkawzat il-mewt. Dan huwa t-tieni kap.....*

*Sinjuri qeghdin taraw, importanti li taraw dan il-kuncett ta' differenza bejn l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza? Qeghdin taraw din id-differenza? Fejn fl-ewwel akkuza ghandna omicidju volontarju bil-kweziti ta' omicidju volontarju, l-intenzjoni diretta u pozittiva u positive u indirect? U din id-darba fit-tieni u fit-tielet ghandna l-intenzjoni generika? Kemm hi differenti minn ta' l-ewwel? U l-esplozjoni potenzjalment setghet iggib dawk il-konsegwenzi u li gabet xi konsegwenzi?....*

*Ghandna l-ewwel kap l-aktar wiehed serju, l-omicidju volontarju, biex ikun hemm l-omicidju volontarju jrid ikollok l-intenzjoni specifika u diretta jew specifika w indiretta – jiena naf b'dak li ser naghmel ser nikkawza hsara, ma jimpurtanix, naqbad u naghmilha –huwa omicidju volontarju. Il-fatt li qtilt persuna li jiena ma ridtx noqtolha ma ghandux x' jaqsam, jiena ridt noqtol lil xi hadd, ridt noqtol lil xi hadd u ridt naghmel omicidju, dak il-malice, dak il-hazen li ridt naghmel fuq il-persuna giet accidentalment trasferita fuq persuna ohra, kwindi hemm l-omicidju. It-tieni kap huwa bi spluzjoni, l-intenzjoni differenti, l-intenzjoni generika li jiena nikkawza spluzjoni li potenzjalment setghet iggib hsara imma din gabet hsara u mietet persuna*.[1]

**16**. Illi din il-Qorti minnufih u minghajr tlaqlieq tqis illi l-indirizz marbut mal-ewwel zewg reati imputati lill-appellant fl-att ta' l-akkuza huwa wiehed insindakabbli. Jibda biex jinghad illi l-artikolu 593 tal-Kodici Kriminali jipprospetta s-sitwazzjoni fejn l-akkuzat jigi mixli b'iktar mir-reat wiehed li jistghu jkunu konnessi u jistghu ma jkunux, fejn hemmhekk allura l-Avukat Generali ghandu jifred dawn ir-reati f'kapijiet separati li ghandhom jitqiesu b'mod indipendenti minn xulxin, sakemm fil-kors tal-guri ma jkunx jirrizulta illi wiehed ghandu jkun alternattiv ghall-iehor jew inkella kompriz u involut f'kap iehor, fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direttivi opportuni

[1] Folio 702,703 u 705 mit-traskrizzjonijiet tal-ġuri matul l-indirizz tal-imħallef sedenti.

lill-gurati meta jigu biex jaghtu d-decizjoni taghhom fuq kull kap separatament fil-verdett finali.

> **"Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juza l-kliem "...l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi".**
>
> **Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li ...l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589 tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi[2].**

**17**. Dan ifisser allura li ma kien hemm xejn x'josta lill-Avukat Generali milli jixli lill-appellant b'zewg reati li jitnisslu mill-istess fattispecje, zewg reati indipendenti u distinti minn xulxin li dwarhom il-gurati setghu jaslu ghal verdett ta' htija. Fuq kollox l-appellant qatt ma qanqal dak li jidhirlu li hija anomalija legali meta kellu l-opportunita' jaghmel dan fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet, stadju li fih kellhom jigu indirizzati dawn il-lanjanzi.

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Laurence Gatt omissis – 22/05/2003 App.Sup

**18**. Dan qed jinghad ghaliex id-dritt penali u l-gurisprudenza jikkontemplaw il-konkors tar-reati u pieni meta l-istess fatt doluz jaghti lok ghal kummissjoni ta' aktar minn reat wiehed:

**"… taht il-ligi taghna huwa rikonoxxut illi att uniku, cjoe' actus reus wiehed jista jaghti lok ghal ksur ta' aktar minn disposizzjoni tal-ligi wahda. Infatti huwa principju notorju fid-dritt penali taghna, kif ukoll f'sistemi esteri ohra, illi l-istess att doluz jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-ligi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wiehed."**

**19.** Dan ghaliex kif tajjeb gie spjegat lill-gurija fl-indirizz, ir-reat mahsub fl-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali jinnecessita intenzjoni differenti minn dik mahsuba ghar-reat tal-omicidju volvontarju :

**"Huwa importanti u opportun li jigi riprodott dak li jghid l-Archbold fil-kuntest tal-element formali rikjesta ghal dan id-delitt taht l-Explosives Substances Act 1883,**

***'where the word "maliciously" is used in any statutory definition of a crime, malice must be taken not in the old vague sense of wickedness in general, but as requiring either (1) an actual intention to do the particular kind of harm that is in fact done; or (2) recklessness as to whether such harm should occur or not, i.e. the accused must have foreseen that the particular kind of harm might be done and yet gone on to take the risk of it. <u>It is neither limited to, nor does it indeed require any ill-will towards the person injured</u> (R. vs Cunningham (1957) 2 Q.B. 396; 41 Cr. App. R. 155 following R vs Pembilton, L.R. 2 C.C. 119)" – Archbold.***

**"Jista' jizdied ukoll li bhala korollari tar-regola li ghall-fini ta' dan id-delitt mhux necessarju li jigi pruvat 'that life was actually endangered', mhux necessarju ghall-prosekuzzjoni li tipprova xi intenzjoni tal-awtur tad-delitt li jikkawza l-mewt ta' xi hadd partikolari, kif anqas ma hemm il-htiega tal-prova li l-awtur tad-delitt kellu l-intenzjoni li jhassar hwejjeg ta' xi hadd partikolari.**

> **"Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ghadu kemm inghad fl-ahhar zewg paragrafi qabel dan jirrispekkja l-posizzjoni legali kwantu tirrigwarda l-artikolu 311 tal-Kap. 9. Jigifieri, ghall-fini ta' dan l-artikolu, l-element formali rikjest cioe`, il-*mens rea* ta' dan id-delitt u li riedet tipprova l-prosekuzzjoni huwa li l-awtur tal-ispluzjoni ghamilha ghax ried, jigifieri volontarjament, u b'dan illi l-effetti kontemplati fl-istess artikolu 311 jew kienu previsti minnu u ried wahda, jew l-ohra, jew it-tnejn, jew kienu prevedibbli minnu pero` hu ma kien jimportah xejn javverawx ruhhom jew le u xorta baqa' ghaddej bl-ikkawzar tal-ispluzjoni.[3]"**

**20**. Dan ifisser illi **<u>l-aggravju ta' l-appellant huwa ghal kollox infondat</u>** ghaliex ma hemm l-ebda impediment ta' dritt li jzomm lil dawn iz-zewg offizi u cioe' dak tal-omicidju volontarju u l-iehor mahsub fl-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti mahsub fl-artikolu 312 milli jissussistu flimkien.

## II. Id-data li fiha sehh ir-reat tal-omicidju indikat fl-ewwel kap ta' l-Att ta'l-Akkuza

**21**. L-appellant jaghmel kritika ohra ghall-Att tal-Akkuza, liema kritika lanqas ma saret fl-istadju tal-eccezzjonijiet jew fil-kors tal-guri, liema kritika hija diretta lejn id-data tal-kummissjoni tar-reat indikata fl-ewwel kap li jitkellem dwar ir-reat tal-omicidju volontarju ta' Angela Bondin. Id-data tal-mewt ta' Bondin, skont dak allegat mill-appellant, ġiet indikata fl-Att tal-Akkuża bħala d-data meta sehhet l-ispluzjoni biex b'hekk hemm zball fid-data meta sehh ir-reat ta'l-omicidju. Il-Qorti tistqarr minnufih illi dan l-ilment jirrażenta l-fieragħ.

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Desira, App.Sup.13/05/1999

**22**. Huwa ċar mill-qari tal-Att tal-Akkuża illi l-Avukat Ġenerali għamel referenza għal żewġ dati u mhux ghal data wahda biss, senjatament it-18 ta' Ġunju 2005 għal dak li jirrigwarda l-ġurnata meta tqiegħdet il-bomba in kwistjoni, splodiet u feriet gravement kemm lil Angela Bondin kif ukoll lil Tessie Grima, u sussegwentement mill-qari tal-bqija tal-parti narrativa tal-ewwel kap kif ukoll tal-kapi sussegwenti, jidher b'mod ċar li Bondin kienet sussegwentement mietet kaġun tal-kumplikazzjonijiet ikkaġunati mill-ġrieħi li ġarrbet mill-effetti tal-ispluzjoni in kwistjoni nhar it-8 ta' Lulju 2005. Mhux biss izda l-att doluz li mbaghad wassal ghall-mewt ta' Bondin sehh fil-jum tat-18 ta' Gunju 2005 u mhux fit-08 ta' Lulju 2005 meta Bondin effettivament mietet. Kwindi ma kienx hemm il-konfużjoni li deherlu l-appellant li kien hemm, peress illi z-zewg dati gew sewwa ndikati fl-Att tal-Akkuża b'mod u manjiera li l-appellant seta' jifhem sew in-natura tar-reati lilu addebitati. Fuq kollox jerga' jigi ribadit illi l-appellant kellu zmien bizzejjed biex jindirizza dawn in-nuqqasijiet li fil-fehma tieghu kien hemm fl-Att ta' l-Akkuza fit-termini tal-artikoli 438 u 449(1)(b) ta-Kodici Kriminali, izda baqa' ma ghamel xejn.

## III. <u>Ir-regola dwar ix-xiehda fuq kliem haddiehor (*hearsay evidence*)</u>

**23**. L-appellant jilmenta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma spjegax sewwa lill-gurati r-regola dwar ix-xiehda fuq kliem haddiehor biex b'hekk il-gurati gew moghtija direzzjoni zbaljata dwar il-mod kif kellhom iqisu ix-xiehda ta' Malcolm Micallef li xehed dwar diskors li ntqal lilu minn certu Matthew Pace fir-rigward ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel l-appellant. Issa mill-provi prodotti waqt ic-celebrazzjoni tal-guri, jirrizulta illi Matthew Pace fil-fatt xehed mhux biss matul il-kumpilazzjoni, izda ukoll fil-kors tal-guri meta f'dawn iz-zewg okkazjonijiet huwa biddel il-verżjoni tiegħu minn dak dikjarat minnu kemm quddiem il-Maġistrat Inkwirenti *a tempo vergine* fil-

kors ta' l-*in genere* kif ukoll lill-pulizija matul l-investigazzjonijiet ta' dan il-każ. Malcolm Micallef fil-kariga tieghu ta' assistent socjali li kien qed isegwi lil Matthew Pace kien il-persuna li għarraf lill-awtoritajiet dwar informazzjoni li kien kiseb mingħand Pace li kien qallu ċertu diskors dwar l-appellant u l-involviment tieghu fil-kummissjoni tad-delitt u dan minn jeddu. Infatti l-pulizija kienu bagħtu għal Pace li kien ikkonferma dak li kien stqarr mas-*social worker* Micallef u liema diskors hu kien ikkonferma wkoll quddiem l-Maġistrat Inkwirenti. Madankollu meta ġie biex jixhed fil-Qorti hu stqarr li kien imbezza' meta kien gie mitkellem mill-pulizija ghaliex jallega illi l-pulizija kienu qed jaghmlu pressjoni fuqu biex jagħmel dik id-dikjarazzjoni li ma kinitx veritjiera, u cioe' li kienu gieghluh jimplika lill-appellant fil-kummissjoni tad-delitt mertu ta' dan il-kaz. Micallef mill-banda l-oħra baqa' konsistenti fix-xiehda tiegħu fejn hu xehed dwar id-diskors li kien qallu Pace u baqa' jisħaqq l-istess verżjoni matul il-proċeduri.

**24**. Ir-regola tal-hekk imsejha *hearsay* hija regolata bl-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-sahha tal-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn id-disposizzjonijiet jinqraw kif ġej :

> **598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**
>
> **(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.**
>
> **(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**

**599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.**

**25**. Issa huwa bil-wisq evidenti illi dak dispost fl-artikolu 598(1) illi jipprekludi lill-Qorti milli toqgħod fuq xiehda dwar fatti li dak li jkun, ikun sar jafhom minn ħaddieħor, u dan jekk din il-persuna tkun tista' tinġieb tixhed il-qorti sabiex taghti d-deposizzjoni taghha, ma jsibx applikazzjoni ghal dan il-kaz, ghaliex jidher ċar li f'dan il-każ xehdu kemm il-persuna li ghandha waslet l-informazzjoni kif ukoll il-persuna li allegatament tat l-informazzjoni, u kwindi l-kontroll meħtieġ skont id-dettami tal-artikolu 598(1) kien osservat. Infatti, fir-rigward ta' dan ix-xenarju, l-Imhallef fl-indirizz għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

***Fl- ahhar nigu ghal din l-imbierka hearsay jew detto del detto jew kif inhi maghrufa bil-Malti xhieda fuq kliem haddiehor. Kemm-il darba ahna fil-hajja normali ta' kuljum nisemghu lil xi hadd u jghidulna isma' taf xi smajt hux? It-tali qalli hekk hekk u hekk, u ahna nohduha bhala vangelu – minn jaf kemm-il darba naslu ghal konkluzjoni zbaljata fuq xi haga li jkun qalilna xi hadd li jkun sema' minghand haddiehor, u naghmlu diga' l-ideat taghna u naslu ghal konkluzjonijiet taghna. Dak illi nghidu ahna d-diskussjoni, il-gossip illi jkun hemm fil-hanut ta' t-te jew inkella fuq iz-zuntier ta' l-knisja. Imma l-ligi ma timxix hekk. Il-ligi trid tkun ferm aktar konvinta minn hekk. Allura tghidilna li meta jigi xi hadd u jaghti xhieda fuq kliem haddiehor ahna nistghu noqoghdu biss fuq dak illi jkun qal dak ix-xhud izda mhux il-kontenut taghha. Meta persuna tigi tghidilna li semghet xi haga minghand xi hadd ahna***

***nistghu nghidu biss illi dik il-persuna semghet dak id-diskors, punto e basta. Imma jekk dak id-diskors illi semghet huwiex veru, huwiex veritier, tistax toqghod fuqu hemm haga ohra, u l-ligi tghidilna le. Hemm eccezzjonijiet ta, meta l-persuna tkun mejta, meta l-persuna ma tistax tingieb, meta jkun hemm cirkostanzi specjali fejn din il-persuna ma hijiex f' posizzjoni li tixhed – il-ligi hemm b'kawteli kbar eccezzjonijiet, u meta tali xhieda tkun indispensabbli. Pero' bhala regola l-ligi tghidilna li x-xhieda fuq kliem haddiehor ma jistax jittiehed in consideration.***

***F'dan il-kaz ghandna zewg instances ta' hear say evidence importanti hafna. Nitlobkom attenzjoni ghal dan li ser nispjegalkom ghax din hija krucjali. Ghandna zewg instances ta' hear say evidence – ghandna wahda moghtija minn Mary Grace Cassar meta qalet illi l-persuna qalilha li l-akkuzat kien qieghed ifittex biex jixtri bomba halli jtajjarha b' kollox, ghandna xhieda ohra ta' Malcolm Micallef is-social worker meta qal illi Matthew Pace qallu certa diskors. F'dan l-istadju mela ghandna hear say evidence, pero' huma differenti. Fil-kaz ta' Maria Cassar il-persuna li qaltilha dak id-diskors ma ngabitx hawnhekk biex tigi kontrollata u l-ligi ghalhekk tiprojbixxi l-konsiderazzjoni ta' l-kliem ta' haddiehor ghaliex dak il-kliem, dik l-informazzjoni ma hijiex soggetta ghal kontroll minn naha ta' l- Prosekuzzjoni w aktar importanti minn naha ta' d-Difiza. Meta Maria Cassar giet tghidilna li semghet lil xi hadd jghidilha li l-akkuzat kien qed ifittex biex jixtri bomba ahna ma ghandniex mezz biex nikkontrollaw lil dan ix-xi hadd, ma ghandniex mezz biex inkunu nafu jekk dan qedx jghid il-verita' jew le. Kif nistghu allura ahna naslu ghal decizjoni li hekk kien jekk ma ghandniex dan il-mezz ta' kontroll? Veru li Maria Cassar qaltilna li hija ma xtaqitx illi taghti nformazzjoni dwar is-sors ta' dak illi qalet, imma dik hija decizjoni taghha. Ghandha kull dritt illi ma taghtix dik l-informazzjoni imma minn naha l-ohra jekk inti ma taghtix dik l-informazzjoni tigix tipretendi li ahna nistghu noqoghdu fuq dak illi hi semghet minghand haddiehor.***

***Fil-kaz ta' Malcolm Micallef dan gie qalilna hawnhekk illi Matthew Pace qallu hekk hekk u hekk. Matthew Pace ingieb quddiemna u stajna nikkontrollaw dak li qal. Matthew Pace quddiemna u wkoll quddiem il-Magistrat fl-att ta' l-kumpilazzjoni ma nnegax li qal dak id-diskors, innega pero' li dak id-diskors ghamlu volontarjament. Qal illi gie mgieghel mill-pulizija sabiex jghid dak id-diskors u beda jwiegeb kollox iva ghal dak illi bdew jghidulu l-pulizija.***

***Filwaqt mela fil-kaz ta' Maria Cassar source of information ma ngabitx hawnhekk biex tkun kontrollata, fil-kaz ta' Malcolm Micallef is-source of information ingiebet hawnhekk biex tigi kontrollata. Allura f'dan il-kaz ma tibqax aktar hear say u tigi kredibilita'. Pace ma nnegax illi qal dak id-diskors, anzi qal illi dak id-diskors qalulu l-pulizija, ftakru rega' qalu quddiem il-Magistrat ghax kien imbezza', u meta umbaghad kien il-Qorti deherlu li kien aktar liberu w hawnhekk quddiem il-Qorti ta' l-Magistrati w hawnhekk qalilna li dak ma kienx veru, illi kien imgieghel jghid hekk.***

***Issa hawnhekk allura hija kwistjoni ta' kredibilita'. Tistax temmen dak illi qal fil-bidu ghax ma nnegax li qalu, jew inkella dak illi qal wara. Tinsewx illi d-differenza wkoll hija li Pace qed jghid xi haga li qallu l-akkuzat lil Malcolm Micallef. U ghidna ahna li kwalunkwe dikarazzjoni li ghamel l-akkuzat bil-fomm jew bil-miktub lil kwalunkwe persuna, sew jekk hijiex ufficjal ta' l-pulizjia jew inkella any other common citizen tista' tingieb bhala prova favur jew kontra tieghu. Li kieku Pace innega li qal dak id-diskors lil pulizija u lil Magistrat kienet xi haga ohra, innega li qal dak id-diskors lil Malcolm Pace, innega li qalu, pero' lil pulizija u lil Magistrat ma nnegax illi qalu dak id-diskors, qal biss illi kien gie mgieghel. Mela allura hija kwistjoni ta' kredibilita' liema minn dawn ix-xiehda ghandek temmen, jekk hux dak illi qal lis-social worker jew inkella dak illi qal quddiemna. Fhimtuha d-differenza Sinjuri fic-cirkostanza ta' Mary Cassar u c-cirkostanza ta' Malcolm Micallef? Kemm hija fina din id-differenza? Imma hemm qeghda. Nispera li din qeghda cara f' mohhkom.***[4]

**26**. Illi din il-Qorti tqis illi din l-interpretazzjoni kif mogħtija fl-indirizz hija wahda gusta u konsegwentement temmen li ma kien hemm l-ebda misinterpretazzjoni tal-liġi fil-mod u l-manjiera kif l-Imħallef spjega din ir-regola b'referenza ghall-prova li l-Prosekuzzjoni tfittex illi taghmel permezz tax-xiehda ta' Malcolm Micallef u Matthew Pace. Dan ghaliex id-deposizzjoni moghtija minn Malcolm Micallef ma tistax tibqa' titqies bhala *hearsay evidence* ladarba is-sors ta' l-informazzjoni li xehed dwarha Micallef, u cioe' Matthew Pace kkonferma bil-gurament quddiem il-Qorti illi fil-fatt huwa kien qal dak id-diskors fejn implika lill-appellant kemm ma' Micallef kif ukoll

[4] Folio 697 et seq tat-traskrizzjonijiet mill-ġuri matul l-indirizz tal-Imħallef Mallia.

mal-pulizija u l-Magistrat Inkwirenti, meta stqarr maghhom illi l-appellant kien inkarigah joqtol lil Cassar, izda mbaghad ghamel dak li huwa msejjah komunement bhala *retraction* billi qal li dak id-diskors qalu ghax kien gie imgieghel mill-pulizija. Illi dan ifisser illi l-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef meta iggwidahom illi din kienet kwistjoni ta' kredibilita', u cioe' l-kompitu taghhom kien li jiznu liema verzjoni kellha titwemmen jekk hux dik il-verzjoni li stqarr Pace *a tempo vergine* mal-Inkwirenti u mal-pulizija li kien l-istess diskors mistqarr max-xhud Malcolm Micallef jew inkella dak li xehed quddiem il-Qorti kemm fil-kumpilazzjoni kif ukoll waqt il-guri.

## IV. <u>Il-kuncett legali tal-*impossible attempt* b'referenza ghar-Raba` Kap tal-Att ta` l-Akkuza</u>

**27**. Illi l-appellant finalment jilmenta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma spjegax sewwa lill-gurati l-impossibbilita' li jkun hemm it-tentattiv tar-reat tal-omicidju li bih huwa kien mixli fir-raba` kap tal-Att ta' l-Akkuza, liema reat kien marbut mal-allegata intenzjoni li huwa joqtol lil Maryrose Cassar u lil uliedha, izda li ma rnexxiex, ghaliex dawn in-nies lanqas biss kienu fuq il-post meta l-bomba splodiet.

**28**. Illi t-tentattiv huwa regolat bl-artikolu 41(1) tal-Kodiċi Kriminali bil-paragrafu (a) li japplika għax-xenajru tal-fatti ta' dan il-każ. Dan jiddisponi:

> **41. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -**

**(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;**

**(b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.**

**29**. Illi sabiex jissussisti t-tentattiv, irid ikun hemm il-bidu tal-eżekuzjoni tad-delitt li jkun evidenzjat b'atti esterni, mhux b'sempliċi ħsieb, u r-reat irid jiġi interrot u/jew sfrattat minħabba ċirkostanzi aċċidentali li jkunu estraneji għar-rieda ta' min ikun qed jikkometti r-reat. Mill-banda l-oħra, skont il-Professur Sir Anthony Mamo, li jaghmel referenza wkoll għal ġuristi oħra, it-teorija tal-'*impossible attempt*' tissussisti meta:

***'...the acts which in their nature cannot result in any harm are not mischievous either in their tendency or in their results and therefore should not be treated as crimes. In the case of attemps the law punishes not the intent but the action, and suh action cannot be punished except in so far as it has exposed the rights of others to an actual danger....But the inefficiency of the means in order to exclude criminal liability, must be absolute. Carrara thus makes out the distinction between absolute inefficiency and relative inefficiency, including in the latter term the inefficiency or inadequacy or defectiveness of the means, the inefficiency is said to be relative (idoneita' relative) when the means were not in themselves capable of completing the intended crime owing to the particular conditions of the person or things against whom or upon which the criminal action was directed, or owing to the exceptional circumstances surround the fact, but could well have and could complete the crime if they had been or were used against another person or upon another thing, or if they were accompanied by different circumstances. On the contrary the inefficiency is said to be absolute, when the means used could in no cirucumstances injure the right sought to be invaded whoever or whichever the person or thing against whom or upon which they were directed.'***[5]

[5] Notes on Criminal Law, Professor Sir Anthony Mamo, folio 115.

**30**. Dan ifisser illi fil-każ ta' mpossibilita' assoluta u ċioe fejn il-mezzi użati fihom infushom jirrendu ghal kollox impossibbli l-eżekuzzjoni u wisq iktar il-konsumazzjoni tad-delitt, hija eskluza r-responsabbilta' kriminali, iżda l-istess ma jistax jingħad għal dak li jirrigwarda l-impossibilita` relattiva fejn iċ-ċirkostanzi li jsehhu jkollhom effett fuq il-kors tal-kummissjoni tar-reat tant illi jisfrattaw il-pjan ta' min ikun responsabbli għar-reat fl-eżekuzzjoni tiegħu.

**31**. L-Imhallef jindirizza il-kuncett tat-tentattiv b'dan il-mod:

> **"Ir-raba' kap. Hawnhekk ghandna differenza fejn l-Avukat Generali qieghed jixli lil Ronnie Azzopardi hati b' tentattiv ta' omicidju volontarju, cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuni, din id-darba semma lil Mary Rose Cassar u t-tfal taghha jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f' perikolu car, li hija d-definizzjoni ta' l-omicidju, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' d-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu. X'inhu dan it-tentattiv?**
>
> **.....**
>
> **Hawnhekk ghandna l-akkuza li l-hsieb li kellu Ronnie Azzopardi, il-fini kien illi joqtol lil Mary Rose Cassar u lit-tfal taghha, ghamel atti preparatorji, gie allegat li dan mar fejn kien jaf fejn kienet Mary Rose Cassar iz-Zejtun, kien jaf liema kienet il-karozza taghha u wera dan il-hsieb b' atti esterni billi pogga din il-bomba hdejn il-karozza taghha – l-att estern. U ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' d-delitt. Qed jigi allegat illi l-bidu ta' l-ezekuzzjoni ta' d-delitt kien l-arming ta' l-bomba, xeghel is-switch, mela jonqos switch iehor, pass iehor. U qed jistenna l-mument opportun sabiex ikun jista' jaghmel dik l-ahhar dawra u l-hsieb tieghu jigi attwat. Pero' gie sfrattat, gie sfrattat milli jaghmel dik l-ahhar dawra, li jixghel dak is-switch ghaliex il-bomba ma thallietx fil-post li ried hu, il-bomba ttiehdet f'post iehor, u allura dan il-hsieb tieghu li joqtol lil dawn il-persuni gie sfrattat minn cirkostanzi ndipendentement mill-volonta' tieghu. Il- fatt illi dak il-hin Mary Rose Cassar ma kienetx hemmhekk ma taghmilx**

**differenza ghal fini ta' l-attentat ghaliex il-hsieb tieghu kien gia gie sfrattat meta l-bomba ttiehdet mill-post fejn ghamilha hu ghal post iehor fejn hu ma ridhiex li tkun, minghajr il-volonta' tieghu. Mela allura dawn l-atti preparatorji kollha li ghamel, dawn l-atti esterni, naturalment gie allegat li ghamel mhux qed tohduha bhala vangelu, dak tridu tarawh intom, dan l-att estern meta huwa xeghel is-switch, l-arming switch ta' l-bomba u l-ezekuzzjoni ta' d-delitt ma setax jigi ezegwit, mhux ghax hu ma riedx li dan jigi ezegwit ghax kollox kien f'postu, l-argument, l-ordinju, il-pjan, kollox hemm kien pero' dan gie sfrattat b'xi haga kontra l-volonta' tieghu li fixklitu milli jdawwar dik l-ahhar bicca ta' c-cavetta, fixklitu milli jaghfas it-trigger.**

**Jek intom tkunu sodisfatti, l-istess dejjem fil-grad li trid il-ligi, illi Ronnie Azzopardi kien f'dik is-sitwazzjoni allura hemmhekk ghandkom issibuh hati ta' din l-akkuza. Jekk intom ma intomx sodisfatti jew ghandkom xi dubju li ma kienx l-akkuzat, l-akkuzat ma kienx hemm, seta' kien hemm haddiehor, allura dik haga ohra. Imma bhala akkuza hekk tfisser, l-attentat hekk tfisser. Issa jekk verament sarx jew le dik kwistjoni ta' fatt illi intom tridu taraw.**

**32**. Jidher kwindi li l-Imhallef fl-indirizz tieghu eskluda x-xenarju tal-impossibilita' tat-tentattiv. Madanakollu l-fatt li Maryrose Cassar ma kinitx fuq il-post ma jbiddel xejn mit-tentattiv innifsu li ġie sfrattat meta l-baskett kontenenti l-bomba, li kienet diġa' attivata, ġiet spustjata minn fejn tħalliet, u ċioe ħdejn il-bieb tax-xufier tal-vettura ta' Maryrose Cassar għan-naħa l-oħra tat-triq. Illi anke jekk huwa minnu li dan il-kuncett ta' l-*imposibble attempt* ma tressaqx quddiem il-gurati, madanakollu c-cirkostanzi tal-kaz ma jippuntawx lejn dan l-ipotesi ta' dritt u dan meta l-malvivent qieghed il-baskett kontenenti l-bomba ezatt biswit il-vettura appartenenti lil Mary Rose Cassar, liema vettura gie ppruvat li kienet taghmel uzu minnha hi. Fil-fatt mill-provi jemergi illi f'dik l-ghodwa, bhal kif kien konswetudni ta' Cassar kull nhar ta' Sibt, hija kienet marret izzur lill-ommha u l-familja taghha flimkien ma' uliedha fiz-Zejtun, u li kienet ukoll konswetudni taghha li tipparkja il-vettura taghha biswit il-*letter box*, kif ghamlet ukoll f'dik l-ghodwa, jew fl-istess pjazza fil-vicinanzi. Il-fatt illi Mary Rose Cassar ma

lahqitx waslet fuq il-post u li l-bomba giet spusjata minn Tessie Grima ma jezentax lill-appellant mir-responsabbilita' kriminali. Dan ghaliex l-persuni ndikati fir-raba` kap u li kienu l-mira tal-bomba ma nqatlux mhux għax intużaw mezzi li ma setgħu qatt jikkaġunaw il-mewt jew il-periklu għall-ħajja iżda għaliex Tessie Grima dehrilha li kellha ġorr dan il-basket għan-naħa l-oħra tat-triq u 'l bogħod minn fejn l-ordinju kien tpoġġa orġinarjament mill-malvivent. L-isplussiv użat, imbaghad, kien qawwi biżżejjed sabiex joħloq il-ħsara mixtieqa tant illi kemm Tessie Grima kif ukoll Angela Bondin sfaw vittmi tal-effetti tagħha. Il-fatt li Maryrose Cassar ma kinitx preżenti fil-mument meta l-bomba tpoġġiet u eventwalment splodiet ma jnaqqas xejn mill-att doluz u l-intenzjoni kriminuza u konsegwentement allura l-Qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi kif seħħew ma jikkostitwixxux l-*impossible attempt* kif mahsub mill-appellant billi xorta waħda tirrizulta r-responsabbilta' kriminali ta' min ikun għamel dawn l-atti.

**33. Ghal dawn il-motivi kollha l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant qed jigi michud fl-aspetti kollha tieghu.**

**Ikkunsidrat :**

**34**. Illi sorvolati l-aggravji ta' natura procedurali kif ukoll dawk marbuta mal-indirizz ta' l-Imhallef waqt il-guri u mal-aspetti legali ta' uhud mir-reati addebitati lill-appellant, il-Qorti ser tghaddi biex titrattata l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi.

**35**. Ghadd kienu l-okkazjonijiet fejn din il-Qorti sahqet b`mod konsistenti mal-gurisprudenza ta` dawn il-qrati illi meta tkun rinfaccjata b'aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi toqghod lura milli tiddisturba l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti ghaliex l-Imhallfin tal-fatt kellhom il-vantaġġ li mhux biss jisimghu il-provi, iżda li

jagħmlu evalwazzjoni ta' l-imġieba u l-komportament tal-persuni li xehdu quddiemhom, liema analiżi kienet essenzjali sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom.

**'Hawn naturalment qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, ilgurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skont il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat**[6].

**36**. Madankollu, tenut kont tan-natura tal-appell u l-mod kif ġew ippostulati l-aggravji mill-appellant, din il-Qorti ser tipprosegwi sabiex

[6] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008 Ara, ukoll fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

tevalwa l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni biex tistabilixxi jekk il-ġurati setgħux b'mod raġonevoli u legalment jaslu għall-verdett tagħhom.

> "**Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat ilprincipju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.**[7]

**Ikkunsidrat :**

**37**. Illi ezaminati mill-gdid l-atti processwali u allura kemm il-provi li tressqu fil-guri kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni jemergu s-segwenti fatti probatorji :

**38**. Jirriżulta illi nhar it-18 ta' Ġunju 2005 għall-ħabta tas-siegħa nieqes kwart ta' wara nofsinhar kien daħal rapport l-għassa taż-Żejtun dwar spluzzjoni li kienet seħħet ġewwa Triq il-Madonna tal-Ħniena u fejn kienu sfaw feruti żewġ nisa, Tereza sive Tessie Grima u Angela Bondin. Mill-istħarriġ illi sar mill-pulizija, irriżulta illi aktar kmieni fl-istess jum għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu u filwaqt li Tessie Grima u żewġha Joseph Grima kienu qegħdin jarmaw il-bejt tagħhom għall-festa taż-Żejtun, li kienet ser tigi iccelebrata l-għada, kienet ġiet innutata minn dawn it-tnejn min-nies vettura, (li matul l-investigazzjonijiet ġiet identifikata bħala Seat Toledo ta' lewn jagħti fil-blu,) li kienet waqfet fit-triq u li minnha ħarġet persuna maskili min-naħa tax-xufier. Din il-persuna ġiet innutata tpoġġi basket fuq

[7] Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994

il-bankina taħt *letter box* antika, biswit vettura tal-għamla Peugeot 106 li kienet ipparkjata fl-istess triq.

**39**. Illi l-malvivent kien notat liebes beritta sewda u ħwejjeġ skuri. Kien ta' tul medju u bi statura atletika. Kif qieghed il-basket hdejn il-vettura, kif inghad, huwa reġa` rikeb fil-karrozza rriversja sabiex idawwar għal ġo pjazza ġewwa l-istess triq u minn hemm telaq minn fuq il-post. Il-konjugi Grima li hasbu li dan ir-ragel kien rema` xi skart fit-triq hassewhom urtati partikolarment Tereza Grima li kienet persuna ffissata fl-indafa. Tant hu hekk illi wara xi ħin meta hi u żewġha kienu spiċċaw iżejnu l-bejt u wara li kienu kielu l-ikla ta' wara nofsinhar, Tereza Grima ħarġet mid-dar bl-iskuża li kienet sejra tagħmel qadja bil-ghan illi tigbor dan il-baskett sabiex twarrbu minn fejn kien, minħabba l-marċ tal-festa u sabiex il-baskett jiġi elevat it-Tnejn ta' wara waqt il-gbir ta' l-iskart. Izda kif marret sabiex terfa' dan il-baskett, li kien jagħti fil-griż, irrealizzat li kien pjuttost tqil u kif ittawwlet ġo fiħ indunat li kien hemm batterija tagħti fil-blu u xi *wires* ħerġin minnha. Hija bdiet tkaxkar il-baskett għan-naħa l-oħra tat-triq faċċata tal-Kappella tas-Sinjura, fejn f'dawk iż-żminijiet kien hemm sit ta' kostruzzjoni appartenenti lil binha u poġġiet dan il-baskett fuq in-naħa tal-lemin fuq ġewwa tal-apertura tal-garaxx tal-istess blokka.

**40**. Issa filwaqt li kienet qed iġġor dan il-baskett min-naħa tat-triq għall-oħra, Tessie Grima ltaqghet ma' Angela Bondin li offriet li tgħin lil Grima. Jidher li Grima rrifjutat din l-għajnuna iżda wara li ttrasferiet il-baskett fil-binja kif inghad, Grima u Bondin waqqfu jitkellmu hdejn dan is-sit u ftit 'il bogħod minn fejn kien tpoġġa l-istess baskett. F'dan il-mument sehhet l-ispluzjoni tant illi ġew ikkaġunati xi danni strutturali fil-binja, izda u fuq kollox, kemm Tessie Grima kif ukoll Angela Bondin garrbu ġrieħi ta' natura gravi. Angela Bondin sofriet ħruq (*partial thickness burns*) f'45% ta' ġisimha u kienet fil-periklu tal-mewt filwaqt li Tessie Grima ukoll sofriet ħruq (*partial thickness burns*) f'16% ta' ġisimha. Bondin u Grima ittiehdu

l-isptar fejn filwaqt li Tessie Grima stabbilizzat ruhha, qalbet ghall-ahjar u kienet rilaxxjata mill-isptar ghalkemm kompliet tieħu l-kura għall-perijodu ta' żmien konsiderevoli, il-qagħda ta' Angela Bondin sfortunatament marret għall-agħar tant illi fit-8 ta' Lulju 2005 hi mietet, bil-kawza tal-mewt taghha tigi iccertifikata li sehhet kaġun ta' '*brochopneumonia secondary to extensive burns*'[8].

**41**. Illi minn hawn skattaw l-investigazzjonijiet tal-pulizija u giet varata inkjesta magisterjali minn fejn mal-ewwel gie stabbilit illi l-vettura tal-ghamla Peugeot 106 li kienet ipparkjata fit-triq fejn seħħet l-ispluzjoni u li ħdejha oriġinarjament kien tpoġġa il-basket kontenenti l-bomba kienet tappartjeni lil certu Maryrose Cassar li meta ġiet mitkellma mill-pulizija kienet infurmathom illi kellha xi kwistjonijiet pendenti mal-appellant Azzopardi dwar il-wirt ta' ħuħ, li kien is-sieħeb tagħha missier it-tlett uliedha. Cassar infurmat lill-pulizija illi hi kellha informazzjoni li Azzopardi kien qed jipprova jeliminha u kien ġieli isegwieha u jheddidha b'ħajjitha. Qaltilhom ukoll illi terza persuna, li qatt ma ġiet identifikata, kienet qaltilha li hu kien qed ifittex sabiex jakkwista bomba "sabiex jagħmilielha". Irrizulta ukoll illi kull nhar ta' Sibt fil-ghodu Cassar kienet tmur izzur lil ommha, li kienet toqghod iz-Zejtun, flimkien ma' uliedha u kienet tqatta' gurnata hemmhekk, izda gieli harget biex tmur tixtri f'xi hin tard fil-ghodu. Cassar tghid lill-pulizija illi hija dejjem kienet tipparkja l-vettura taghha fil-post fejn instabet il-vettura taghha f'dik l-ghodwa jew inkella fil-vicinanzi.

**42**. L-appellant jigi mitkellem mill-pulizija in segwitu ghal din l-informazzjoni u jirrilaxxja diversi stqarrijiet fejn qatt ma jammetti r-responsabbilta` tieghu ghal dan l-event kriminuz. Huwa nforma lill-pulizija

[8] Ara r-rapport ta' Profs. M.T Camilleri u Dr. Ali Salfraz immarkat bħala Dok PTC a folio 508 fil-raba volum tal-atti kumpilatorji kif ukoll ir-rapporti ta' Dr. Mario Scerri immarkati bħala Dok MS1 u MS2 fl-atti tal-inkjesta (mhux enumerat) u a folio 374 fit-tielet volum tal-atti kumpilatorji rispettivament.

li kien qed jagħmel użu biss minn vettura tal-għamla Hyundai Excel bin-numru ta' reġistrazzjoni DAT927, liema vettura ġiet elevata u eżaminata mill-pulizija, izda madwar xagħrejn wara l-inċident, ipprovdhielhom vettura oħra tal-għamla Seat Toledo bin-numru ta' reġistrazzjoni FBL492 li skont dak li rriżulta kienet inxtrat mis-sieħba tal-appellant Rita Azzopardi mingħand certu Antonia Cinto u binha Anthony Cinto u liema vettura kienet fil-fatt għadha reġistrata fuq l-istess Antonia Cinto li kkonfermat dan il-fatt. Inoltre ġie nnutat li r-rim ta' roti ta' din il-vettura ma kienux kollha jaqblu, apparti li mix-xiehda tas-sinjuri Cinto saż-żminijiet qabel ma nbiegħet il-vettura, jidher li din kellha *sticker* imdaqqsa imwaħħla fuq il-faċċata tal-*windscreen*.

**43**. Illi minn filmati li ġew elevati mill-cameras CCTV tal-fergha tal-bank HSBC li jinsab sitwat fi Triq il-Bon Kunsill li tagħti għal Triq il-Madonna tal-Ħniena, Zejtun, fost toroq oħrajn, irriżulta li għall-ħabta tal-ħdax nieqes tnax il-minuta ta' filgħodu, dehret vettura, li taqbel mad-deskrizzjoni tas-Seat Toledo mghoddija lill-pulizija mill-appellant, issuq fid-direzzjoni lejn it-triq fejn eventwalment seħħet l-ispluzjoni u fejn jidher ċar mill-i*stills* li hemm diskrepanza fir-rimmijiet tar-roti tagħha u li l-vettura għandha *sticker* fuq il-*windscreen* tagħha, li skont dak li xehed Anthony Cinto kienet taqra '*Struggle for Survival*'. Meta l-pulizija eżaminaw forensikament is-Seat Toledo elevata minn ghand l-appellant, innutaw mill-kimika użata li kien hemm *sticker* fuq il-*windscreen* li x'aktarx tneħħiet ftit taz-zmien qabel u fejn kien jidher illi l-kliem fuq il-*windscreen* kienu jaqblu fil-biċċa l-kbira ma` dawk indikati minn Anthony Cinto.[9] In oltre l-pulizija stabbilew ukoll illi l-appellant kien allegatament iltaqa' ma certu Amadeo Pace, Sandro Degabriele u Saviour Attard dakinhar filgħodu u li kien qed jagħmel użu min telefon ċellulari bin-numru 99205645. Dan it-telefon madankollu baqa'

[9] Ara l-istills dokumentati bħala dok CBX9 sa CBX11 a folio 260 et seq fit-Tieni Volum tal-Atti kumpilatorji fejn il-ħin indikat huwa tal-10:48:04:88. Ara wkoll ix-xhieda ta' Antonia Cinto a folio 154 tat-traskrizzjonijiet matul il-ġuri u Anthony Cinto a folio 159 tat-traskrizzjonijiet matul il-ġuri entrambe datati d-19 ta' Marzu 2013.

qatt ma nstab u meta ntalbu u saru l-verifiċi dwar il-lokalizzazzjoni ta' dan in-numru mal-provedituri tas-servizz, irriżulta li dan in-numru ma kienx reġistrat. Dan it-telefon madanakollu ġie lokalizzat fiż-Żona taż-Żejtun, jew fl-inħawi, fil-hinijiet li tqieghdet il-bomba u ftit wara meta splodiet.[10]

**44**. Il-bomba ġiet analizzata mill-esperti mahtura fl-*in genere*. Irrizulta li l-kontenitur li fih kien ippakkjat il-materjal esplosiv kien jikkonsisti f'*portable fire extinguisher* ta' forma cilindrika. Illi sabiex jisplodi l-ordinju kellu jinghata kmand tramite *transmitter* minn persuna li trid tkun f'kuntatt viżwali jew fl-akkwata ta' l-istess ; allura gie stabbilit illi din il-bomba ma setghetx tisplodi waħedha jew aċċidentalment. Infatti l-esperti ndikaw li kien hemm *arming switch* li ġeneralment jibqa' mitfi sal-aħħar mument biex il-bomba tkun *safe* waqt it-trasport jew waqt ix-xogħol li jkun qed isir fuqha. Ġaladarba dan l-iswitch jinxtegħel il-bomba ma tieħux iżda jkun hemm il-ħtieġa li li jiġi armat il-*firing switch* li fuq din il-bomba instab imwaħħal ma' parti mill-kontenitur u kwindi persuna fizikament trid tibgħat messaġġ sabiex c-*circuit* jigi attivat. Illi dan il-kontenitur kien mimli b'zewg tipi ta' materjal esplosiv, wiehed *high explosive* u l-iehor *low explosive*. Madwar terz tac-cilindru fil-fatt kien ippakkjat b'tahlita mahsuba sabiex tahdem bhala *booster charge* ghall-*high explosive material* li kien hemm, liema materjal kien jokkupa z-zewg terzi l-ohra tal-kontenitur. Biex tizdied il-*fragmentation effect* mal-kariga esplosiva fil-kontenitur tpoggew ukoll numru ta' *rounds 9mm calibre* li whud minnhom wara l-ispluzjoni tferrxu mal-garage imma baqghu ma splodewx. L-esperti l-Kaptan Jeffrey Curmi u l-Kurunell Albert Camilleri jikkonkludu li :

> **"Il-bomba kienet mahduma b'tali mod li tiffunzjona fil-mument ezatt li xtaq il-kriminal peress li din kienet armata**

[10] Ara x-xhieda ta' Joseph Giordamaina a folio 403 tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri kif ukoll ix-xhieda ta' Denise Formosa Gruppetta a folio 411 tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri u Mario Cardona a folio 413 tat-traskrizzjonijiet tal-ġuri, lkoll datati t-22 ta' Ġunju 2013.

**b'*radio control receiver* simili ghal dawk li jintuzaw fil-mudelli ta' karozzi u ajruplani li jithaddmu minn distanza. Naturalment biex il-bomber jilhaq l-iskop tieghu bi precizjoni u jisplodi l-bomba meta l-vittma ghal min kienet intenzjonata tkun prezenti dan ried ikun f'posizzjoni li jkun f'kuntatt vizwali mal-bomba. Pero' mhux eskluz li f'dan il-kaz il-*bomber* ma kienx f'post fejn jista' jara x'kien qed jigri ghalkemm kien ghadu gewwa r-*range* tar-*radio*.**

Ikkonkludew li l-ispluzjoni li sehhet kienet waħda tat-tip *deflagration,* billi qabad biss il-*low explosive* li ma jkunx b'saħħtu bizzejjed li jwassal ghall-effetti ta' *detonation*. Kieku l-*ammonium nitrate based explosive* li rrizulta lill-esperti fil-bomba, qabad kif suppost kien ikun hemm *detonation* bi hsara akbar, imma peress li x'aktarx ma laħaqx il-veloċita' neċessarja waslet biss sal-*deflagration*.[11]

**Ikkunsidrat :**

**45**. Illi qabel ma tinoltra ruhha f'ezami tal-provi din il-Qorti tqis li ghandhom jigu indirizzati zewg punti sollevati mid-difiza u diretti lejn il-valur probatorju ta' l-evidenza li gabet il-prosekuzzjoni permezz tal-identifikazzjoni ta' l-appellant bhala l-persuna li qieghed il-bomba mal-vettura ta' Cassar mix-xhud Joseph Grima, u l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant.

**46**. Illi nhar it-8 ta' Lulju 2014 din l-Qorti (diversament komposta) kienet laqgħet it-talba tad-difiża sabiex jixhed ix-xhud Joseph Grima mill-gdid iżda dan "unikament għall-konservazzjoni tal-provi" u mhux bhala prova gdida

[11] Ara x-xhieda tal-esperti Maġġur Jeffrey Curmi u l-Kurunell Albert Camilleri a folio 194 tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri datat l-20 ta' Marzu 2013 u r-rapport redatt minnhom fl-atti tal-inkjesta (mhux enumerat jew immarkat).

fit-termini tal-Artikolu 506 u 508 tal-Kodiċi Kriminali. Fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, Grima jispjega kif madwar ġimgħa wara l-inċident tat-18 ta' Ġunju 2005, u ċioe filwaqt li martu kienet għadha l-isptar tieħu l-kura għall-ġrieħi sofferti minnha mill-ispluzjoni, kienet avviċinatu Maryrose Cassar, fejn talbitu jmur sad-dar ta' ommha li tirrisjedi qrib id-dar tiegħu fiż-Żejtun bil-ghan li turih registrazzjoni fuq *video casette* ta' festin tal-familja fejn, skont dak li xehed Grima, Cassar kienet qaltlu li f'dan il-filmat kien jidher Ronnie Azzopardi. Ix-xhud izda jispjega illi ghalkemm gie muri dawn l-immagini huwa xorta wahda ma gharaf l-ebda persuni. Fil-fatt ighid illi huwa qatt ma xehed dwar dan l-episodju billi ghalih ma kien ta' l-ebda importanza.

**47**. Wara dan l-episodju, u madwar xahrejn wara l-akkadut, kienet inżammet *identification parade* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn, fost il-persuni skjerati fil-*line-up,* kien hemm l-appellant, fejn Grima kien identifika lil Azzopardi bħala dik il-persuna li kienet tixbah lil dak li kien lemah minn fuq il-bejt tiegħu iqieghed il-basket bil-bomba mal-vettura ta' Cassar, u dan mill-ghamla tieghu billi hu qatt ma ra wiccu.

**48**. Illi jibda biex jinghad illi Joseph Grima ma kienx semma dan l-avveniment lill-ebda persuna nvoluta fl-investigazzjonijiet jew fl-*in genere*, kif lanqas semma dan l-episodju meta xehed fil-kumpilazzjoni u fil-guri. Jirriżulta izda, mid-deposizzjoni tieghu, illi meta muri il-filmat minn Cassar ighid li ma gharafx lill-appellant ghalkemm gie indikat lilu u li meta saret l-*identification parade* huwa gharrfu l-aktar mis-sura tiegħu izda mhux mill-fattizi ta' wiċċu. Din dejjem kienet il-verzjoni tieghu. Maghdud dan madanakollu, u ghalkemm kien ikun desiderabbli li kieku Grima kien informa lill-pulizija b'dan l-avveniment, huwa baqa' jisħaq li identifika lil Ronnie Azzopardi ghaliex il-bniedem li ra kellu '*l-istess għamla ta' li raw għajnejja minn fuq il-bejt*' u mhux ghax kien qed igharrfu minn wiccu.

**49**. Issa, sfortunatament, il-ligi taghna ma tirregolax il-mod kif ghandha issir *identification parade* ghajr ghall-fatt illi din trid issir quddiem Magistrat u dan kif stabbilit fl-Artikolu 74 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b'mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta' l-avukat taghha ghandha tinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud okulari jkun ghadda lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet[12]. Fost dawn ir-regolamenti l-artikolu 14 jispecifika illi:

> ***"Appropriate arrangements must be made to make sure, before witnesses attend the identification parade, they are not able to: (i) communicate with each other about the case or overhear a witness who has already seen the identification parade; (ii) see any member of the identification parade; (iii) see, or be reminded of, any photograph or description of the suspect or be given any other indication as to the suspect's identity; or (iv) see the suspect before or after the identification parade"***

**50**. L-iskop wara dawn ir-regolamenti huwa car. L-identifikazzjoni ma ghandha tkun mittiefsa bl-ebda mod minn xi influwenza barranija izda ghandha tkun biss ir-rizultat ta' dak illi x-xhud ikun osserva b'ghajnejh. Dan ma jfissirx necessarjament izda li dik l-identifikazzjoni li tkun hekk saret minn persuna li setghet giet suggestjonata hija wahda inattendibbli u allura inammissibbli bhala prova. Il-ligi taghna ma tirregolax kwistjonijiet bhal dawn, biex b'hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqis jekk dik il-parata tkunx wahda regolari u allura jekk l-identifikazzjoni hija tali li l-gurati setghu jistriehu fuqha, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittiehdux il-prekawzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li issir "*a miscarriage of justice*".

> **"Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat fuq kollox li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court**

[12] PACE Code D Annex B – Identification parades.
www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/592562/pace-code-d-2017.pdf

**of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44)**

***'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition***[13]'

**51**. Premessi dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma tista' ssib ebda *miscarriage of justice* bl-identifikazzjoni li saret minn Grima tal-persuna tal-appellant, ghaliex mhux biss ix-xhud ighid illi huwa gharaf lill-malvivent li qieghed il-bomba mis-sura tieghu biss u mhux minn wiccu, izda ukoll ghaliex il-gurati inghataw direzzjoni mill-Imhallef li ppresjeda il-guri dwar kif kellhom jaghmlu evalwazzjoni tal-provi li kellhom quddiemhom inkluz ukoll tal-identifikazzjonijiet li saru. Fuq kollox l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jindika l-linji gwida ta' kif ghandha titqies il-prova ta' l-identifikazzjoni :

[13] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace App. Sup. Deciza 07/11/2002

**"Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja."**

**"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skont il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li <u>l-Gudikant tal-fatt</u> ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."[14] (sottolinjar tal-Qorti)**

**52**. Illi allura ma kien hemm xejn irregolari fl-identifikazzjoni maghmula mix-xhud Joseph Grima meta jindika illi huwa gharaf lill-appellant mis-sura u statura tieghu iktar milli minn wiccu ghalkemm kien gie muri l-immagini tieghu minn Mary Rose Cassar qabel ma saret l-*identification parade* mill-Inkwirenti, tant illi x-xhud jibqa' jishaq illi huwa ma giex suggestjonat minn din l-immagini. Grima jerga' mbaghad jidentifika lill-appellant fil-Qorti matul id-deposizzjoni tieghu, tant illi ghalhekk ghalkemm din il-prova ma kenitx wahda konklussiva imma setghet tittiehed bhala indikattiva flimkien mal-assjem tal-provi kollha tal-involviment tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat.

[14] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008

**Ikkunsidrat :**

**53**. Illi l-appellant iqanqal f'dan l-istadju l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija *a tempo vergine* meta kien gie arrestat u interrogat. Jibda biex jinghad illi l-appellant qatt ma ammetta r-responsabbilta` tieghu ghal dan l-event kriminuz u dejjem cahad l-involviment tieghu. Huwa ndubitat madanakollu illi fiz-zmien li kien gie mitkellem mill-pulizija, huwa ma kienx ingħata d-dritt li jikkonsulta ma` avukat tal-għażla tieghu billi l-ligi applikabbli f'dak iz-zmien dan il-jedd kienet tippreskludieh.

**54**. Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu imqanqal u dan fid-dawl tal-izviluppi legali kif ukoll ġurisprudenzjali in materja f'dawn l-ahhar snin. Illi sa ftit ilu din il-Qorti (kif diversament komposta) rega` sahqet il-principju ta' dritt illi stqarrija rilaxxjata minghajr il-jedd tal-persuna suspettata tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skarata bhala prova in atti[15]. Illi allura ghalkemm il-gurati fiz-zmien li kien celebrat il-guri inghataw direzzjoni mill-Imhallef sabiex jiehdu kont tat-twegibiet moghtija fl-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant, madanakollu minn dak iz-zmien il-posizzjoni legali u gurisprudenzjali inbidlet, in linea mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'uhud minn dawn id-decizjonijiet sahansitra inghataw fil-konfront ta' Malta :

> **"7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna**

[15] Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rio Micallef et.

**arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal-mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;**

**8. Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati;**

**Illi ghalhekk l-evoluzzjoni tad-dritt ta' assistenza legali, kompriz allura l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jkun ekwiparat ma' bdil fil-ligi…'[16]**

[16] Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella – Appell 14/2013/1 deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, deċiża nhar it-3 ta' April 2019.

**55**. Tenut kont tal-fatt illi l-istqarrijiet esebiti in atti gew rilaxxjati mill-appellant qabel l-2010, u allura fiz-zmien meta d-dritt ghall-assistenza legali kien kompletament inezistenti, din il-Qorti ma tistax hlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi fl-aggravju lilha devolut marbut mal-apprezzament tal-provi.

**Ikkunsidrat :**

**56**. Illi meta tigi sabiex taghmel analizi mill-gdid tal-atti probatorji, l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell ghandha parametri ben definiti u dan ghaliex meta taghmel dan l-ezercizzju "***ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-Ewwel Qorti,"*** izda trid tqis unikament jekk in bazi ta` dawk il-provi setghetx il-gurija legalment u ragjonevolment, kif gwidata mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu dik l-intenzjoni kriminuza id f'id mal-att materjali biex b'hekk jigi misjub hati tal-akkuzi addebitati lilu.[17]

**57**. Illi fil-qosor l-appellant jikkritika bosta mill-provi prodotti partikolarment ix-xiehda ta' Joseph Grima li fil-fehma tiegħu huwa xhud inaffidabbli peress li ma kienx konsistenti fit-testimonjanza tiegħu, apparti li l-identifikazzjoni tiegħu tal-persuna li hu ra minn fuq il-bejt ma taqbel xejn ma' dik ta' Tessie Grima li kellha ferm aktar ċans minnu li tara lil dan l-individwu. Isib oggezzjoni ghan-nuqqas ta' eżami xjentifiku li jorbot il-

[17]Il-Pulizija Vs Farrugia Marco Galea, Kevin Micallef, Hubert u Mizzi Marcel - deċiża nhar il-31 ta' Mejju 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) – Imħallef Patrick Vella.

vettura SEAT li ghadda lill-pulizija ma' dik li fil-fatt tidher fil-filmat tas-CCTV, in-nuqqas ta' konferma li kien fil-fatt l-appellant li mar fuq il-post, li qiegħed il-bomba u li eventwalment attivaha, in-nuqqas ta' prova tat-tentattiv tal-omiċidju volontarju ta' Mary Rose Cassar u uliedha peress li dawn lanqas biss kienu fuq il-post, apparti li ma kien hemm l-ebda movent ghal dan l-event kriminuz. Jilmenta ukoll illi hemm nuqqas ta' provi dwar l-ħsarat sofferti minn Anthony Grima fil-garaxx tiegħu, u cioe' fil-lok fejn sehhet l-ispluzjoni minħabba l-fatt li ma tressqitx prova konklussiva dwar l-valur tal-ispejjeż marbuta ma' din il-hsara.

**58**. Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-kawża tal-mewt ta' Angela Bondin u tal-ġrieħi gravi sofferti minn Tereza Grima u ċioe illi dawn iz-zewg persuni spiccaw il-vittmi ta' splużjoni ta` bomba li tqieghdet fi Triq il-Madonna tal-Ħniena mal-vettura ta' Maryrose Cassar, liema bomba giet imbaghad spustjata minn Grima ghal post iehor fil-vicin fejn finalment splodiet. Lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni dwar il-mod kif kienet mahduma l-bomba u li din setghet biss tigi attivata permezz ta' *transmitter* wara li din giet mixgħula biex imbagħad tisplodi, indikattiv allura tal-fatt li l-bomba setghet tigi attivata u sploduta biss manwalment. Jidher ukoll minn dak li xehdu l-esperti li analizzaw il-bomba li min attiva l-bomba, ried ikollu jew kuntatt viżwali jew *de minimis* kellu jkun fl-akkwata tas-sinjal tar-*radio* u *di piu* ġie kkonfermat ukoll illi ċ-ċippa FP8196R setgħet intużat sabiex tikkontrolla *switch* minn distanza ta massimu ta' ċirka 300 metru mingħajr interferenza.[18]

**59**. Illi mill-eżami li għamlet din il-Qorti tal-provi kollha li tressqu matul il-ġuri jidher illi l-gurati setghu jaslu ghall-verdett taghhom fuq sensiela ta'

[18] Ara r-rapport tal-espert Charles Muscat immarkat bħala Dok CM a folio 417 fit-tielet volum tal-atti kumpilatorji.

provi indizzjarji oltre provi ohra diretti li taw sahha lill-indizji migbura li kienu s-segwenti :

a) Il-vettura Seat Toledo li ġiet identifikata mill-konjugi Grima bħala dik l-vettura li waslet fuq il-post u li minnha ħareġ l-malvivent li poġġa l-basket kontenenti l-bomba kienet prova determinanti li holqot ness mal-persuna ta' l-appellant. Dan qed jinghad ghalkemm jidher li fl-istadju inizzjali tal-investigazzjoni din il-vettura kienet ġiet identifikata bħala Hyundai Pony minn Joseph Grima u Vauxhall minn Tessie Grima, li fil-ġimgħat ta' wara kellhom ripensament tant illi Joseph Grima kien informa lill-pulizija li kien osserva vettura Seat Toledo u mhux kif originarjament indikat minnu. Jirriżulta wkoll mill-atti li Grima kien intalab jidentifika l-vettura Seat elevata mill-pulizija mill-pussess tal-appellant u li kienet sitwata ġewwa s-CID yard f'żewġ okkazzjonijiet. Fl-ewwel okkazjoni Grima ma kien għaraf l-ebda karrozza minn dawk murija lilu mill-pulizija għajr għall-kulur li hu qabbel ma` waħda mill-vetturi li kien hemm u li kellha l-lewn blu fil-griż, iżda liema vettura ma kinitx l-istess waħda li kien ra bħala għamla. Irriżulta ukoll li matul l-ewwel spezzjoni, Grima lanqas ma kien gharaf vettura tal-għamla Hyundai Excel li l-pulizija kienu ukoll elevaw minghand l-appellant bhala dik li kien osserva dak in-nhar meta sehh is-sinistru kriminali. Jirriżulta' pero` li meta Grima ntalab jattendi għat-tieni spezzjoni kien hemm skjerata s-Seat Toledo bin-numru ta' reġistrazzjoni FBL492 li l-appellant kien ghadda lill-pulizija għall-ħabta ta' Awwissu 2005 liema vettura, ghalkemm mhux tiegħu, hu kien ġieli juża. Din id-darba, Grima kien għaraf din il-vettura bħala dik li hu kien ra minn fuq il-bejt tiegħu dakinhar tal-inċident in kwistjoni. Mhux biss izda mix-xiehda ta' Antonia Cinto,[19] li kkonfermat li kienet biegħet l-istess Seat Toledo lil Rita Azzopardi li hija s-sieħba tal-appellant, jirrizulta illi din il-vettura kellha r-rimmijiet tar-roti li ma jaqblux peress illi kif stqarret din ix-xhud meta ħadet

[19] Folio 154 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat id-19.3.13.

il-karrozza għat-tiswija, min sewwielha r-roti ma ġabhomx jaqblu. Hi fil-fatt gharrfet il-vettura mir-ritratti murija lilha u li kienu jinsabu fl-atti proċesswali li jikkombaċaw ma` dawk mahruga mill-filmat tas-CCTV tal-fergha tal-HSBC Bank taż-Żejtun fil-ħin ta' ftit iktar mill-ħdax nieqes kwart ta' filgħodu[20] dak in-nhar ta'l-incident. Dawn il-filmati kienu ġibdu l-vettura in kwistjoni ssuq fid-direzzjoni tat-triq fejn kienet ipparkeggjata l-vettura ta' Maryrose Cassar u fejn eventwalment seħħet l-isplużjoni.[21] Dan il-ħin ukoll jikkombaċċja mal-ħinijiet approssimattivi mogħtija kemm minn Joseph Grima kif ukoll minn Tessie Grima meta raw il-vettura fuq il-post u li għaldaqstant ikompli jsaħħaħ li l-vettura fil-filmat tas-CCTV hija fil-fatt l-istess vettura li kien hemm fuq ix-xena tal-isplużjoni qabel din ħadet. Antonia Cinto wkoll ikkonfermat fix-xiehda tagħha li kienet rat lill-appellant juża l-karrozza u dan peress fl-okkazjoni meta kien mar jaghtiha l-pagament ghal din l-istess vettura, f'liema okkazjoni huwa kien akkompanjat mis-siehba tieghu Rita Azzopardi. Determinanti ukoll b'rabta mal-prova maghmula permezz tal-vettura Seat Toledo, hija x-xiehda ta` Anthony Cinto, bin Antonia Cinto li jikkonferma li l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni lilu u li qabel inbiegħet lir-Rita Azzopardi, kienet inbiegħet lil ċertu Mario, li madankollu ma kienx żamm il-vettura peress li ma kienx qed ilahhaq mal-pagamenti u allura ommu Antonia Cinto kienet ġabritlu l-vettura lura. Hu jikkonferma li kien hemm *sticker* fuq il-*windscreen* ta' din il-vettura sakemm kienet għandu u ċioe sakemm inbiegħet lil dan Mario bil-kliem '*Struggle for Survival*'. Madankollu dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jgħid jekk fil-fatt dan l-i*sticker* kienx għadu fuq il-*windscreen* meta l-vettura mbaghad inbiegħet lil Rita Azzopardi u dan peress illi dak iż-żmien, hu kien diġa` telaq lejn l-Awstralja u għaldaqstant ommu, Antonia Cinto, kienet innegozjat magħha.[22] Ukoll relevanti hija x-

[20] Ħin indikat - 10:48:04:88 – Dok CBX9 et seq.

[21] *Iva l-karozza din, ghax din ghandha tyre mhux bhal ohrajn ghax kien marli t-tyre u t-tifel ma kienx hawn umbaghad kont kmandajt wiehed biex jibdilli t-tyre, ghadni niftakar hadli hamsa w ghoxrin lira u jiena ma nifhimx, u ma kienx jaqbel umbaghad it-tyre, hawn wiehed minnhom mhux bhal xulxin.*

[22] Folio 159 et seq tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat id-19.3.13.

xiehda ta' PS1336 Jesmond Micallef,[23] illum Spettur, li fi żmien l-investigazzjoni kien wiehed mill-ufficjali tax-xena tar-reat nominat mill-Inkwirenti sabiex jaghmel l-ezamijiet forensici fuq l-vettura Seat Toledo meta din ġiet fil-pussess tal-pulizija. Hu fil-fatt jikkonferma li meta spezzjona l-*windscreen* għall-impronti diġitali bl-użu ta' *aluminium powder*, innota illi kien hemm xi kliem fil-parti ta' fuq li kien tneħħa u liema kliem ġie identifikat minnu bħala '***Struggle For Sur...***' u li hu fil-fatt iffotografa aktar mill-viċin.[24] Ix-xhud jispjega li hu nduna b'dan il-kliem peress li l-*powder* li kien qed juża sabiex jidentifika u jeleva xi mpronti diġitali kien fil-fatt weħel mal-*windscreen* fejn kien hemm dan il-kliem/*sticker* oriġinarjament imwaħħal.[25] Stephen Conti li jaħdem bħala *motor mechanic* imbaghad, xehed illi l-appellant kien ħadlu l-karrozza Seat Toledo ghandu ghat-tiswija, ghaliex din allegatament kienet bil-ħsara, u dan bejn is-17 u t-18 ta' Ġunju 2005 iżda meta ġie mfakkar fix-xiehda li kien ta matul il-kumpilazzjoni, biddel il-verzjoni tieghu u stqarr illi l-appellant kien fil-fatt ħadlu l-vettura wara l-24 ta' Ġunju 2005 peress li hu kien imsiefer qabel din id-data. Ikompli jispjega illi l-appellant kien ċempillu għall-ħabta tas-17 jew tat-18 ta' Ġunju 2005 biex jitlob l-assistenza tieghu għall-ħsara li kellha l-karozza, li skont Conti kienet xi ħsara fil-pompa tal-ilma li kien fil-fatt biddilu. Dan il-fatt pero` ma jirriżultax mix-xiehda li hu kien ta matul il-kumpilazzjoni. L-istess xhud ikkonferma li kien għaraf il-karrozza in kwistjoni fil-Kwartieri Generali, meta gie imsejjah mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, peress illi kien personalment ivverifika l-pompa tal-ilma bħala l-pompa l-ġdida li hu stess kien installa.[26] Dawn il-provi kollha kemm diretti kif ukoll indizzjarji jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' illi l-vettura Seat Toledo li ġiet elevata mill-pulizija mill-pussess ta' l-appellant hija l-istess waħda li tidher fil-filmat tas-CCTV ftit mumenti qabel waslet fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, identifikata ukoll minn Joseph Grima bħala l-vettura li

---

[23] Folio 162 et seq tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri datat id-19.3.13.

[24] Dok 05CKU minn 107 sa 112.

[25] *Jiena li kont ghamilt kont dortha bil-powder li normalment jintuza ghal ezamijiet ta' l-finger prints u l-powder kien wehel ma' l-kitba li kien hemm biex ifforma dik il-frazi.*

[26] Ara folio 213 tal-atti kumpilatorji u folio 166 tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat d-19.3.2013.

minnha allegatament ħarġet il-persuna bil-bomba li tpoġġiet ħdejn il-vettura ta' Maryrose Cassar.

b) It-telefon ċellulari bin-numru MSISDN 99205645 baqa' ma nstabx iżda mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li dan in-numru ċellulari kien jappartjeni u jintuża mill-appellant Ronnie Azzopardi. Dan johrog b'mod ewlieni mix-xiehda ta' Amadeo Pace li kien juza n-numru MSISDN 79907644 u li xehed illi kien xtara karrozza mingħand l-appellant. Dan ix-xhud ighid li dakinhar tal-inċident għall-ħabta ta' ftit wara l-għaxra, kien hemm komunikazzjoni bejnu u l-appellant li kien ċempillu fuq in-numru li jibda bin-99 u jispiċċa bil-45 u li kien ftiehem miegħu sabiex imur iħallilu pagament.[27] Fil-fatt dan ix-xhud jgħid li hu mar għand Rita Azzopardi għall-ħabta ta' ftit wara l-għaxra u nofs ta' filgħodu u ħalla l-pagament magħha peress illi l-appellant ma kienx hemm. Dan ix-xhud jgħid ukoll li filwaqt li kien fi triqtu lura, hu għadda minn ħdejn id-dar ta' l-appellant gewwa Bormla, sabiex jara jekk kienx qiegħed hemmhekk. Ighid li l-appellant kien qed isewwi karrozza flimkien ma' Clayton Azzopardi u ghalhekk infurmaħ li kien ħalla l-pagament ma Rita Azzopardi. Dan ix-xhud jistqarr li Ronnie Azzopardi allegatament kien offra li jagħmillu riċevuta iżda hu kien mgħaġġel u telaq mingħajr ma ħadha.[28]

c) Lorraine Attard, li kienet għal xi żmien is-sieħba tal-appellant, u li hija omm taz-żewġt ulied tal-appellant, fosthom Kirsten Attard, ikkonfermat li n-numru 99205645 huwa n-numru ta' Ronnie Azzopardi u li dan in-numru jinstab ukoll *saved* fit-telefon ċellulari ta' binha Kirsten bħala 'Daddy 2'. Infatti t-telefon ċellulari ta' Lorraine Attard u binha Kirsten Attard kien ġie elevat u analizzat mill-espert tal-Qorti fejn dak dikjarat minn

[27] Skont il-call profiles din it-telefonata saret fl-10:04
[28] Xhieda ta' Amadeo Pace matul il-kumpilazzjoni li nqrat lil-ġurati matul il-ġuri li jinstab a folio 269 tal-atti kumpilatorji (it-Tieni volum).

din ix-xhud kien gie kkonfermat. Inoltre permeżż tal-elevazzjoni tat-telefon ċellulari tal-appellant bin-numru 99263525, u li wkoll kien analizzat mill-espert tal-Qorti, jidher li fil-kuntatti tiegħu hemm in-numri tad-dar u tal-*mobile* tal-istess Lorraine Attard u ta' Kirsten Attard, indikattiv tar-rabta li hemm bejniethom. Jirriżulta wkoll registrat in-numru 99263525, appartenenti lill-appellant fil-*phone book* ta' Kirsten Attard, liema numru huwa indikat bħala 'id-Daddy'. Finalment l-aktar prova determinanti li jorbot dan in-numru cellulari mal-appellant huwa l-eżerċizzju ta' *profiling* u lokalizazzjoni tan-numru MSISDN 99205645 li ghalkemm mhux reġistrat, kien lokalizzat fiż-Żejtun fil-ħinijiet ta' 10:04 am, 10.54:38 am u 12:34:48 pm filwaqt li kien lokalizzat Bulebel fis-12:48 pm dakinhar tat-18 ta' Ġunju 2005.[29]

d) Ix-xiehda ta' Joseph Grima u Tessie Grima. Illi fil-qosor dawn iż-żewġ persuni kienu tnejn mill-aktar xhieda importanti għall-prosekuzzjoni peress li kienu l-ewwel żewġ persuni li raw u eventwalment identifikaw il-vettura Seat Toledo fuq il-post kif ukoll xehdu dwar id-dinamika tal-inċident, inkluż il-post fejn kienet tqiegħdet il-bomba u ċioe ħdejn il-karrozza ta' Maryrose Cassar li kienet ipparkeggjata ħdejn il-*letterbox*. Dawn iz-zewg xhieda jgħidu li fl-ghodwa tat-18 ta' Gunju 2005 raw raġel għall-ħabta tal-11:00am ħiereġ milL-vettura b'basket li *ad insaputa* tagħhom kien fih il-bomba, liema basket tpoġġa minnu fuq il-bankina taħt il-*letter box* in kwistjoni. Skont Tessie Grima, dan ir-ragel kien liebes beritta u kif poġġa l-bomba fl-art, ħares lejha u telaq 'l hemm. Ratu ħiereġ min-naħa tax-xufier u reġa` rikeb lura wara li qieghed il-basket fl-art, kif inghad. Hi ratlu wiċċu imma m'għarfitux għax kienet fuq il-bejt u kien liebes beritta. Qalet li kif attirat l-attenzjoni ta' żewġha dwar dak li kien qed jiġri hu ħares fit-triq u ra lil dan ir-ragel qabel telaq minn fuq il-post. Ikkonfermat li kien ta' statura medja u li ma kienx irqiq u kien miftuh minn

---

[29] Ara x-xhieda ta' Anthony Bonnici, Joseph Giordamaina, Denise Formosa Gruppetta u Mario Cordina li lkoll xehdu matul il-ġuri a folio 395, 403,411 u 416 rispettivament mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u r-referenzi rispettivi li saru għad-dokumenti tal-profiling u tal-lokalizazzjoni li saret ta' dan in-numru. Ara wkoll ix-xhieda u r-rapport tal-espert maħtur Dr. Martin Bajada a folio 324 tal-atti proċesswali u mmarkat bħala Dok MB.

spalltu. Tghid li kien ismar fil-karnaggjon u tiftakar li kien liebes flokk iswed u bermuda ħadrani u f'saqajh kellu karkur. Hi kienet qalet ukoll li l-ħġieġ tal-karrozza ma kienx skur. L-istess xhud ma eskludietx li setgħet qalet li l-karrozza kienet Vauxhall u qalet hekk peress li r-raġel tagħha dilettant tal-karrozzi u ġieli kellu minnhom. Illi fl-*identification parade* li saret aktar tard tghid li hija ma setghetx taghraf lil dan il-malvivent mill-irgiel li kienu skjerati quddiemha. Joseph Grima, min-naha tieghu, ighid li kien qed iżejjen fuq il-bejt minhabba l-festa u għal ħabta tal-hdax neqsin kwart ta' fil-ghodu martu attiratlu l-attenzjoni għal dak li kien qed jiġri fit-triq. Hu mar jittawwal u meta ra dak li indikatlu martu qalilha biex ma taghtix kaz dak li kien qed jigri. Jiftakar izda li ra karrozza wieqfa tal-ghamla Seat ta' lewn blu jidhirlu Cultiva. Jiftakar li ra ragel li kien liebes beritta sewda imma ma jiftakarx x'kien liebes, imbagħad raħ sew għax ġie faċċata tiegħu. Jiftakar li qallu xi kliem ta' tghajjir meta rah qed jarmi dak li dehrlu li kien basket biz-zibel, imma ma jaħsibx li semgħu. Jikkonferma li dan ir-ragel poġġa l-borza jew basket hdejn vettura tal-ghamla Peugeot ta' Maryrose Cassar. Jiftakar li rah iniżżel il-basket bil-mod taħt il-*letter box* fuq il-bankina. Ikkonferma li hu u martu niżlu jieklu, u waqt li kien qed jimtedd, xi ħames minuti wara, sema`l-ispluzjoni fejn sfat vittma martu u Angela Bondin. Ftakar li kien mar id-depot fejn kien ġie mitlub jara jekk jagħrafx xi vettura u kkonferma li kien għaraf is-Seat ghaliex kien raha anke wara fit-triq. Ma jafx pero` x'numru ta' reġistrazzjoni seta' kellha. Allega wkoll matul il-ġuri li hu kien ra l-istess vettura l-Birgu wara s-Sur u li kien informa lill-pulizija b`dan. Hu kkonferma li meta kienet saret l-*identification parade* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija hu kien gharaf wiehed mill-irgiel skjerati bin-numru 3 u ighid li dan gharrfu mill-istatura u mit-tul. Gharaf lill-appellant ukoll waqt il-guri bhala l-istess ragel li kien qieghed il-basket hdejn il-vettura ta' Cassar dak in-nhar tas-sinistru.

e) Ix-xiehda ta' Mary Rose Cassar[30]. Din ix-xhud taghti retroxxena tal-ambjent familjari tal-appellant ghaliex hija kienet miżżewġa lil ħu l-appellant llum mejjet. Tispjega illi ghandha kwistjonijiet pendenti mal-appellant dwar il-wirt ta' ħuħ peress li dan ma kienx halla lill-appellant bhala wiehed mill-werrieta tieghu, izda xorta wahda kien qed jippretendi li l-werrieta jaghtuh vettura tal-għamla Mercedes li kienet tappartjeni lil ħuħ. Jidher li ma kienx hemm problema jew resistenza dwar dan iżda jirriżulta li Cassar kienet qed tippretendi li l-appellant ihallasha sehemha qabel jieħu din il-vettura. Jirrizulta wkoll li din il-pendenza kienet il-mertu ta' kawza civili. Cassar tikkonferma illi kull nhar ta' Sibt kienet tqatta' l-gurnata ghand ommha u l-familja taghha gewwa z-Zejtun flimkien ma' uliedha, u tard filghodu kienet spiss tohrog taghmel xi qadi. Tikkonferma illi hija solitament tipparkja l-vettura taghha hdejn il-*letter box* fejn kienet dak in-nhar fl-ghodwa tat-18 ta' Gunju 2005.

f) Finalment ghalkemm ix-xhieda Matthew Pace[31] u Malcolm Micallef[32] ma jitfgħu l-ebda dawl fuq li gara fit-18 ta' Ġunju 2005, ix-xiehda taghhom tikkostitwixxi prova ta' l-involviment tal-appellant f'dan l-event kriminuz. Jirrizulta li Matthew Pace, li kien qed jigi sewgiet mill-assistent socjali Malcolm Micallef, kien stqarr mal-istess Micallef xi zmien wara l-ispluzjoni li kien ġie avviċinat minn persuna li kienet talbitu sabiex joqtol mara għan-nom tiegħu. Ighid li Pace kien semmielu lil persuna ta' l-appellant li kien offrilu somma flus biex joqtol waħda mara li kienet prostituta. Hu kien ser jipprovdilu l-arma u qabel il-kummissjoni tal-att kien ser iħallaslu sabiex imur għandha biex jaċċerta ruħu mill-identita' tagħha qabel ma jeliminha. Ma jidhrix li Pace kien taħ risposta dwar dan imma jidher li ma kienx beħsiebu jaċċetta. Jidher ukoll illi Micallef, rinfaċċjat b'din l-informazzjoni, informa lis-superjuri tiegħu, u konsegwentement il-fatt kien rappurtat lill-pulizija. Irriżulta wkoll li dan l-avviċinament kien sar wara l-avvenimenti tat-18 ta' Ġunju 2005 fejn

[30] Folio 279 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat l-21.3.13.
[31] Folio 326 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat l-21.3.13.
[32] Folio 366 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri u datat l-21.3.13.

Maryrose Cassar ma kinitx inqatlet u minflok kienu sfaw vittmi tal-isplużjoni Tessie Grima u Angela Bondin. Pace jigi mitkellem mill-pulizija fejn jikkonferma dawn il-fatti kif rappurtati lill-assistent socjali Micallef u wara dan anke jikkonferma din id-dikjarazzjoni bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Gara izda li meta Matthew Pace mbaghad iddepona fil-kumpilazzjoni, kif ukoll meta xehed fil-guri, ghalkemm huwa ikkonferma li qal dan id-diskors lill-pulizija kif ukoll lill-Maġistrat Inkwirenti, madanakollu ddikjara li hu kien ġie mġiegħel jitkellem b'dan il-mod mill-pulizija biex 'iwaħħal' fl-appellant u hu hekk ghamel sabiex jitilquħ mill-arrest. Hu jinnega li kien tkellem mas-*social worker* tiegħu u li kien qallu dan id-diskors u stqarr li qatt ma ġie avviċinat mill-appellant sabiex jikkometti dan id-delitt.

g) L-alibi tal-appellant. L-appellant isostni li hu ma kienx fuq il-post fil-mument meta tqiegħdet il-bomba u eventwalment splodiet. Jishaq illi x-xhud Amadeo Pace jikkonferma illi f'xi ħin wara l-għaxra ta' fil-ghodu hu kien qiegħed Bormla fejn ir-residenza tiegħu. Sandro Degabriele ukoll jikkonferma illi dak in-nhar tat-18 ta' Ġunju 2005, kien ra lill-appellant Bormla faċċata tad-dockyard fejn joqgħod u dan għall-ħabta tal-hdax ta' fil-ghodu. Dan kien mar ifittxu biex jaghmel xi pagament ghal vettura li kien xtara minghandu. Allegatament l-akkużat kien jiktiblu anki l-ħin fuq l-irċevuta li kien jaghtih. Madankollu meta tul ix-xiehda tieghu saret referenza għar-riċevuta tat-18 ta' Gunju 2005 ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tal-ħin allavolja x-xhud kien stqarr li kien mar għall-ħabta tal-11:00am.[33] Saviour Attard[34] li jiġi z-ziju tal-akkużat u li joqgħod il-Belt jixhed illi dak iż-żmien kien qed jinnegozja xi propjeta' li kellu l-Birgu ma` Ronnie Azzopardi li kien qed iħallsu Lm50 kera fix-xahar. Jiftakar li kien is-Sibt fejn l-appellant kien mar iħallsu l-Belt. Skont ix-xhud dan seta' kien għall-ħabta ta' nofsinhar u l-appellant kien ġab ktieb miegħu u għamillu

[33] Folio 265 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri datat l-20.3.13.
[34] Folio 319 mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda matul il-ġuri datat l-21.3.13.

riċevuta.  Hu kien fil-fatt għadda r-riċevuta lill-pulizija meta kellmuh.  Skont ix-xhud Azzopardi ma kienx dam ghax infurmah li kellu jaghmel qadja l-Belt.  L-appellant jistrieh ukoll fuq x-xiehda ta' Stephen Conti li kien sewwielu l-vettura Seat Toledo billi jishaq illi dak in-nhar tas-sinistru huwa ma setax isuq din il-vettura ghaliex kellha il-hsara.

**Ikkunsidrat :**

**60**.   Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti imressaq ghall-gudizzju tal-imhallfin tal-fatt din il-Qorti tqis illi l-provi kemm dawk diretti kif ukoll indizzjarji kienu b'sahhithom bizzejjed sabiex il-gurati setghu  legalment u raġjonevolment jaslu għal verdett ta' htija. Dan ghaliex fl-ewwel lok il-provi kollha jindikaw illi kienet il-vettura Seat Toledo li kienet fil-pussess tal-appellant li intlemhet dakinhar tat-18 ta' Gunju 2005 fuq ix-xena tar-reat. Illi l-bomba tqieghdet mal-vettura ta' Mary Rose Cassar li maghha l-appellant kellu xi pendenzi dwar il-wirt ta' huh u li kien wera l-intenzjoni li jeliminaha. Illi din il-Qorti, bhall-gurati, hija tal-fehma illi x-xiehda ta' Amadeo Pace u Sandro Degabriele ma tistax tinghata affidament billi ma hemm l-ebda prova li ssahhah il-verzjoni taghhom. Ibda biex ma hux verosimili illi Pace li kien hallas lil Rita Azzopardi l-pagament dovut, kellu imur ifittex lill-appellant biex jinfurmah b'dan, imbaghad lanqas jistenna li jinghata ricevuta ghall-hlas li ghamel.  Fir-rigward ta' Sandro Degabriele, ghalkemm dan isostni illi ħallas lill-appellant  il-Birgu għall-ħabta tal-ħdax u nofs, u ghalkemm ighid li r-ricevuta kienet tindika il-hin tal-hlas, din ir-riċevuta fil-fatt ma kienet tindika l-ebda ħin, kif kienet in-norma li jsir, skont dak li xehed dan l-istess xhud, u li allura ma hemm l-ebda konferma illi l-ħlas verament sar fil-ħdax u nofs kif allegat.  Fuq kollox jirrizulta mill-provi illi l-ispluzjoni sehhet f'xi hin bejn in-nofs siegha u s-siegha ta' wara nofs in-nhar, f'liema hin allura giet attivata il-bomba, u mhux fil-hin indikat minn dawn ix-xhieda u minn Saviour Attard li jghid li ltaqa' mal-appellant ghal

habta ta’ nofs in-nhar il-Belt. Finalment x-xhud Stephen Conti, seta’ jikkonferma li l-vettura Seat ġiet għandu wara l-24 ta’ Ġunju 2005 u ċioe madwar ġimgħa wara l-ispluzjoni.

**61.** Illi l-vettura Seat Toledo intlemhet iz-Zejtun għall-ħabta tal-ħdax nieqes kwart ta' filgħodu, liema ħin jikkombaċja ma’ dak indikat minn Joseph u Tessie Grima. Mhux biss izda n-numru MSISDN 99205645, li skont Amadeo Pace u Lorraine Attard kien jintuża mill-appellant, ġie lokalizzat fil-ħinijiet u l-posijiet fejn kienet il-vettura Seat gewwa ż-Żejtun jew Bulebel liema hinijiet kienu jikkombacjaw ma’ dawk indikati fil-filmati CCTV tal-bank gewwa z-Zejtun meta dehret il-vettura Seat, u fl-istess hinijiet meta din giet avvistata mill-konjugi Grima minn fuq il-bejt taghhom. Din il-prova indizzjarja u li ma tistax tigi kontradetta, allura ukoll ixxejjen dak dikjarat mix-xhieda Pace u Degabriele li jghidu li ltaqghu mal-appellant ghal habta tal-hdax ta’ fil-ghodu gewwa Bormla, billi c-cellulari li fuqu kien ikkomunika ftit tal-hin qabel l-appellant mal-istess Amadeo Pace, gie lokalizzat gewwa iz-Zejtun fil-hinijiet meta il-basket twassal u tqieghed hdejn il-vettura ta’ Cassar sal-hin li l-bomba splodiet. Abbinat ma’ dawn il-provi hemm id-deskrizzjoni moghtija minn Tessie Grima u minn Joseph Grima tal-malvivent li taqbel ma’ l-istatura tal-appellant tant illi Joseph Grima jasal biex jidentifikah. Illi allura huwa indubitat illi l-bomba tqieghdet mill-appellant mal-vettura ta’ Mary Rose Cassar bl-ghan ahhari li joqtolha, izda dan il-pjan doluz ma rnexxiex meta l-bomba giet spustjata mill-post fejn thalliet u spiccat qatlet u feriet persuni innocenti.

**62**. Finalment għal dak li jirrigwarda l-ħames kap u ċioe dik tal-ħsarat ikkaġjunati fil-garaxx tal-vittma Anthony Grima, jidher illi din il-hsara kienet tikkonsisti mill-fatt illi kagun tal-ispluzjoni ccaqlaq il-ħajt tal-appoġġ bejn iż-żewġ garaxxijiet proprjeta ta’ l-istess Grima. Irriżulta mill-provi illi l-bomba kienet fil-fatt tqiegħdet minn Tessie Grima, li tiġi omm dan ix-

xhud, f'waħda mill-garaxxijiet tiegħu qabel din splodiet. Stqarr illi peress li l-ħsarat ma kenux estensivi, ma kienx inkariga perit arkitett sabiex jaghtih stima tax-xogħlijiet. Jidher madankollu li mix-xiehda tal-Perit Valerio Schembri, li kien inħatar mill-Qorti, biex jagħmel pjanta ta' fejn seħħ l-inċident u li kien irriskontra l-ħsarat fil-fond li kien qed jinbena minn Anthony Grima, hu kkonkluda li ħsara '*kienet tikkonsisti fi gmied ma' l-hitan ta' fejn sehhet l-ispluzjoni, u dan minbarra xi hollow concrete blocks u knaten li nkissru*' u fejn l-espert kien ikkwantifika l-ispiza f'ammont li ma kienx jeccedi l-għoxrin Liri Maltin, illum ekwivalenti għal madwar sebgħa u erbgħin Euro (€47).

**63**. Skont l-Artikolu 311 tal-Kodiċi Kriminali:

> **Kull min, dolożament, b'sustanza esploživa, jagħmel esplożjoni li tista' tqiegħed f'periklu l-ħajja ta' ħaddieħor jew tagħmel ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa erbatax-il sena, għalkemm fil-fatt ma tiġri ebda ħsara fuq il-persuna jew lil ħwejjeġ ħaddieħor.**
>
> **(3) Jekk bil-fatt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, xi proprjetà mobbli jew immobbli ta' xi persuna ssirilha tħassir, ħsara jew tgħarriq serju, il-piena hemmhekk imsemmija ma tingħatax fil-minimu tagħha.**

**64**. Kwindi ghall-kuntrarju ta' dak dispost fl-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, mhuwiex rikjest li l-hsara tigi ikkwantifikata sabiex ikun hemm ir-reita'. Dak li jrid jigi ippruvat huwa illi l-att doluz konsistenti fl-ispluzjoni setghet tikkaġuna ħsarat gravi u fl-eventwalita' li dawn il-ħsarat iseħħu huwa biss u limitatament ghall-fini tal-piena li għandha tiġi mposta, li min hu imsejjah biex jiggudika irid jiehu kont tal-entita`u tal-gravita' ta' dawk il-hsarat. Dan ifisser illi l-gurija popolari setghet tasal ghall-verdett ta' htija rigward il-hames kap tal-Att ta' l-Akkuza anke mingħajr il-prova tal-ħsarat

effettivi ikkagjonati billi l-fatt wahdu li l-appellant fassal pjan doluz meta qieghed l-ordinju vicin vettura f'post abitat, u fil-fatt sehhet spluzjoni li wasslet ghal mewt u feriment ta' tnejn min-nies, kellu jfisser illi kien hemm il-potenzjalita' li l-istess spluzjoni tikkaguna hsarat gravi fuq hwejjeg haddiehor.

**65. Ghal dawn il-motivi kollha, l-aggravju imressaq mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**66**. Illi jifdal finalment biex jigi trattat l-aħħar gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti kolleġjalment komposta li jittratta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-għomor il-ħabs, bi tlett perijodi ta' reklużjoni u l-ħlas ta' spejjeż peritali fl-ammont ta' erbat elef sebgha mija, tmienja u tletin Euro u erbgħin ċenteżmu (€4738.40). L-appellant iqis illi il-piena mposta fuqu, hija waħda eċċessiva u għandha titnaqqas speċjalment tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ. Jispjega l-appellant illi meta l-ġurati sabuh ħati tat-tieni kap il-vot ma kienx wieħed unanimu iżda ta' seba' voti favur u tnejn kontra u konsegwentement il-piena tal-għomor mhijiex waħda tassattiva. Inoltre għal dak li jirrigwarda l-ħames kap il-vot kien ta' sitta favur u tlieta kontra. *Di piu* l-ġurati ddeċidew li ma jsibux ħtija ghar-reat tal-omiċidju volontarju iżda tal-offiza tal-feriti gravi segwiti bil-mewt u *ergo* l-ġurati ma kienux tal-fehma li l-appellant kellu l-intenzjoni omiċida fil-konfront ta' Bondin kemm taħt l-ewwel kif ukoll taħt it-tieni kap tal-att ta'l-akkuza.

**67**. Illi l-verdett finali tal-gurija popolari kien wiehed ta' htija ghall-ewwel hames kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, fejn il-htija ghat-tieni kap iġġor maghha

l-piena ta’ l-għomor il-ħabs. Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk gustament applikat id-dettami ta’ l-artikolu 17(a) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi :

> **“persuna ħatja ta’ żewġ delitti jew iżjed, illi jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu l-libertà persunali, li waħda minnhom tkun għal għomor, tiġi ikkundannata għal din il-piena biż-żieda tar-reklużjoni;”**

**68**. Dan ifisser illi l-piena erogata taqa’ sewwasew fil-parametri tal-ligi. Inoltre għal dak li jirrigwarda r-reklużjoni, l-artikolu 9 tal-Kodiċi Kriminali jirregola l-perijodi ta’ rekluzjoni meta fis-subartikolu (5) hemm dispost li din ma tistax teċċedi tnax il-perijodu. L-Ewwel Qorti f’dan il-każ, applikat tlett perijodi u għaldaqstant il-piena kienet fil-parametri anke f’dan ir-rigward.

**69. Illi din il-Qorti zzid tghid illi l-piena imposta hija wahda li taghmel gustizzja tenut kont tal-gravita’ tar-reati li dwarhom l-appellant instab hati. Illi fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz u l-konsegwenzi tragici li gab mieghu din il-Qorti ma tistax hlief tesprimi stmerrija ghall-agir kriminuz ta’ l-appellant li sabiex jilhaq l-ghan doluz tieghu u cioe’ li jnehhi l-hajja ta’ persuna li kienet fil-mira tieghu, ghadda biex juza mezzi li mhux biss setghu jarrekkaw hsara lil din il-persuna, izda ukoll lil uliedha, u lil terzi persuni estranji ghal-pjan mahsub tieghu li ma kellhom xejn x’jaqsmu mad-disgwid li kien hemm bejnu u bejn Cassar. Fil-fatt sfortunatament spiccaw vittmi ukoll tal-agir kriminali tal-appellant tnejn minn nies innocenti fejn wahda minnhom tilfet hajjitha ntortament. Ghal kull ma ghamel, l-appellant ma haqqu l-ebda klemenza minn din il-Qorti.**

**70**. Illi l-isfond socjali u familjari li fih trabba u ghex l-appellant jidher illi huwa mibni fuq il-kriminalita’ fejn ir-risoluzzjoni tad-disgwid tissarraf fil-vjolenza. Illi ghalhekk il-Qrati huma fid-dmir li jrazznu mgieba ta` din ix-xorta billi timponi piena karcerarja li tirrifletti s-serjeta’ tal-konsegwenzi ta’ din it-tip ta’ imgieba devjanti u anti-socjali.

> **“Il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta’ quddiem biex b’mod deciziv jippristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat millarroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f’xi forma ta’ vjolenza fizika.”**

**71**. Issa, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza **’Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**` :

> **“Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta’ dak li jkun..... . Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta` . Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta’ persuni li b’ghemilhom juru li huma ta’ minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta’ reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta’ deterrent generali.”**

**72. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet fi dmir li tassikura illi l-appellant ihallas ta’ eghmilu, ghemil li huwa ta’ periklu mhux biss ghan-nies ta’ madwaru, izda ukoll ghas-socjeta’ in generali, kif jidher car mill-fattispecje makabri ta’ dan il-kaz fejn spiccaw involuti terzi persuni innocenti, b’telf ta’ hajja, griehi gravi ghad-dannu tal-persuna, u hsara fil-propjeta`, ikkagunati mill-appellant.**

**73**. Accertat u stabbilit dan kollu, din il-Qorti ma tistax ma tosservax id-dettami imfassla mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta’ persuni

ikkundannati għal għomor il-ħabs. Fil-fatt anke il-legislatur haseb sabiex jigi in linea mal-pronunzjamenti tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward, kif rifless fl-Abbozz ta' Ligi 199 tal-2017 li kellu jintroduci l-artikolu 43A fil-Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta, liema abbozz ta' ligi, madanakollu ghal xi raguni waqaf fl-istadju tat-tieni qari. Illi fil-fatt din il-Qorti kellha diga okkazjoni ruhha tesprimi hekk :

**"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm f'din is-sede mhijiex qiegħda tistħarreġ xi lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma tridx li tħalli li din is-sentenza jew dik li minnha sar appell jirfsu b'xi mod il-jeddijiet tal-appellant. Minħabba f'hekk, ma tħossx li tista' twarrab kunsiderazzjonijiet rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali ħadet dan l-aħħar f'każ li jirrigwarda wkoll ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward ta' persuna li kienet ikkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs minn din il-Qorti.**

**F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li "l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna ikkundanata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna ikkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva tar-rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni".**

**F'dan ir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda timxi fuq il-pronunċjamenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minnha f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett. Illi, wara li l-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet l-effikaċja tal-prerogattiva (presidenzjali) tal-maħfra u s-sistema tal-'prison leave' kif jinsabu regolati llum il-ġurnata, waslet għall-fehma li dawn**

**ma jagħtux lill-persuna ikkundannata għall-piena tal-għomor fil-ħabs il-garanziji li ma jġibux fis-seħħ ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li "sabiex sentenza għall-għomor tkun kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita' ta' reviżjoni tas-sentenza"  u sabet li sentenza bħal dik mingħajr ebda possibilita' ta' reviżjoni tal-qagħda tal-ikkundannat kienet tikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni."[35]**

**74**. Illi, fil-każ tal-lum, l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant għall-piena tal-għomor, u ma ressqet l-ebda rakkomandazzjoni taħt l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba sa llum ma jidhirx li tfasslu kriterji fil-liġi biex jaħsbu għall-qagħda bħal din fejn tidħol il-possibilita' ta' reviżjoni tal-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellanti, din il-Qorti jidhrilha li jixraq li tieħu provvediment sabiex jigi indirizzat tali nuqqas fil-liġi. Il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha, izda, il-hsieb tal-legislatur kif imfassal fl-artikolu il-gdid 43A ghal Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm ghadu ma jiffurmax parti mill-qafas legislattiv ta' pajjizna, madanakollu qed jipprefigi terminu ta'  tletin sena prigunerija ghal biex l-ikkundannat ikun jista' jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-imsemmi Att. Ghalhekk din il-Qorti, tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' tletin sena (30) b`effett mil-lum, u sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tal-appellanti jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li jkollu s-setgħa u d-dmir li jsegwi d-direzzjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, b'dan illi għall-finijiet tal-piena ta' għomor il-ħabs inflitta fuq l-appellant, huwa għandu jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dan, minn miżuri u kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Qorti Kostituzzjonali li**

[35] Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri deciza 30/11/2017.

**jippermettu lill-appellant li jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ- ċirkostanzi xierqa biex dan isir u in linja ma' dak hawn fuq deciz.**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**